# IL-X KTIEB

## Fil-għaqda ma' Alla

1. Ħa nagħraf lilek li tagħrafni, ħa nagħarfek bħalma int tagħrafni. Int il-qawwa ta' ruħi: idħol fiha u agħmel li tkun tixraqlek, u żommha biex tkun tiegħek bla tebgħa u bla tikmix. Dan nittama, u għalhekk nitkellem u nifraħ b'din it-tama kull meta l-ferħ tiegħi hu tajjeb. Kull ġid ieħor ta' din il-ħajja, iżjed ma nibkuh, inqas ikun jistħoqqlu l-biki tagħna; u inqas ma nibkuh, iktar ikun imissna nibku minħabba fih. Ara, inti ħabbejt is-sewwa, għax min jagħmel is-sewwa jersaq lejn id-dawl. Jiena rrid nagħmel is-sewwa, f'qalbi quddiemek b'din l-istqarrija tiegħi, u fil-kitba tiegħi quddiem ħafna xhud.

2. Mulej, il-qiegħ tal-kuxjenza tal-bniedem hu miftuħ beraħ quddiem għajnejk; jista' ġo fija jkun hemm xi ħaġa moħbija għalik imqar jekk ma nkunx irrid nistqarrhielek? Nista' naħbi lilek minni, iżda mhux lili minnek. Jien issa t-tnehid tiegħi jixhed kemm ma nogħġobx lili nnifsi, imma inti tiddi u togħġob, int ta' min iħobbok u jixtieqek, hekk li nistħi minni nnifsi, irrid nintrema biex nagħżel lilek, u ma rrid nogħġob la lilek u lanqas lili stess jekk mhux minħabba fik. Quddiemek, Mulej, jien magħruf talli jien.

Ġa għidtlek x'ġid nistenna minn dawn l-istqarrijiet tiegħi: huma stqarrijiet li qiegħed nagħmilhomlok mhux bi kliem li jinstema' minn fommi, iżda bil-kliem ta' ruħi u bl-agħjat ta' ħsiebi li widintek tagħrafhom sewwa. Jien ħażin, u l-istqarrija tiegħi turik kemm ma nogħġobx lili nnifsi; imma inti tajjeb, u għalhekk l-istess stqarrija tiegħi tgħidli li mhijiex mertu tiegħi. Għax int tbierek il-ġust, Mulej, imma l-ewwel tiġġustifikah meta jkun għadu ħażin. Għalhekk, Alla tiegħi, l-istqarrija tiegħi nagħmilha quddiemek fis-skiet u mhux fis-skiet: hi stqarrija siekta għax bla kliem minn fommi, imma kollha agħjat mill-qalb. Ma ngħid xejn sewwa lill-bnedmin jekk qabel ma tkunx smajtni int, kif anqas ma tismagħni ngħid xi ħaġa jekk qabel ma tkunx għidtha inti stess.

3. Mela għax għandi nistenna li l-bnedmin jisimgħu l-istqarrijiet tiegħi bħallikieku jistgħu jfejquli l-mard tiegħi kollu? Huma nies li jħobbu jseksfu fuq il-ħajja ta' l-oħrajn, imma tqal wisq biex isewwu tagħhom. Għalfejn iridu jkunu jafu xi bniedem jien meta ma jridux jisimgħu minn għandek xi bnedmin huma? Jekk jisimgħuni nitkellem fuqi nnifsi, kif jistgħu jsiru jafu li qiegħed ngħid is-sewwa ladarba ħadd ma jagħraf dak li hemm moħbi fil-bniedem jekk mhux l-ispirtu tal-bniedem li hemm fih? Jekk jisimgħu lilek tkellimhom fuqhom infushom, ma jistgħux igħidu, "Il-Mulej qiegħed jigdeb". U meta jisimgħuk tkellimhom fuqhom infushom, xi jkunu jagħmlu ħlief jagħarfu lilhom infushom? U min hu dak li jagħraf lilu nnifsu u jgħid, "Mhux tassew li jien hekk", bla ma jkun qiegħed igiddeb lilu nnifsu? Iżda billi l-imħabba temmen kollox f'dawk li hi tgħaqqadhom ħaġa waħda magħha, jien ukoll, Mulej,

nagħmillek l-istqarrijiet tiegħi b'mod li l-bnedmin jisimgħuni, għax għad li ma nistax nipprovalhom li qiegħed ngħid is-sewwa, imma dawk li l-imħabba tiftħilhom widnejhom għal kliemi jemmnuni.

Int, tabib tiegħi li tfejjaqni minn ġewwa, urini sewwa x'ġid nista' nikseb minn dan. Jien qiegħed nistqarrlek ħżuniti ta' l-imgħoddi li int ħfirtli u startli biex nithenna fik, wara li bdiltli ruħi bil-fidi u s-sagrament tiegħek. Dawn l-istqarrijiet iqanqlu l-qalb ta' min jaqrahom u jismagħhom, biex ma jorqodx b'qalbu maqtugħa u jgħid, "Ma nistax", imma jibqa' jishar fl-imħabba ħanina tiegħek u fil-ħlewwa tal-grazzja tiegħek, għax din tqawwi lid-dgħajfin kollha li bis-saħħa tagħha saru jafu kemm huma dgħajfin. It-tajbin jifirħu xħin jisimgħu bil-ħażen ta' l-imgħoddi ta' min ġa ħeles minn ħżunitu; u jifirħu mhux għax hu ħażin, imma għax kien ħażin u ma baqax. Mela x'ġid nikseb, Mulejja, b'dawn l-istqarrijiet li kuljum nagħmillek il-kuxjenza tiegħi, li titwieżen iżjed fuq it-tama tal-ħniena tiegħek milli fuq is-safa tagħha stess? Għidli, nitolbok, x'ġid nikseb meta b'din il-kitba nistqarrlek quddiem kulħadd xi bniedem jien issa u mhux x'kont fl-imgħoddi? Il-frott ta' l-istqarrijiet ta' l-imgħoddi tiegħi ġa rajtu u semmejtu[1]. Iżda hemm ħafna li jixtiequ jafu x'jien illum, fiż-żmien li qiegħed nikteb dawn l-istqarrijiet, sew fost dawk li jafuni, kif ukoll fost dawk li ma jafunix imma semgħu lili jew lil xi ħadd ieħor jitkellem fuqi bla ma ressqu widinthom lejn qalbi fejn ninsab jien kif jien illum. Iridu jisimgħuni nistqarr x'jien illum ġewwa fija fejn ma jistgħux jersqu lejja b'għajnejhom jew b'widnejhom jew bi ħsibijiethom. Iridu jisimgħuni, lesti biex jemmnuni; imma b'daqshekk se jsiru jafuni? L-imħabba, li tagħmilhom tajbin, tgħidilhom li

miniex nigdeb fl-istqarrijiet tiegħi; din l-imħabba tinsab fihom, u hija hi li temminni.

4. Imma x'ġid iridu b'dan? Jixtiequ forsi jifirħuli meta jisimgħu kemm ersaqt lejk bil-grazzja tiegħek? Iridu jitolbu għalija meta jisimgħu kemm it-toqol tiegħi qiegħed iżommni lura? Jekk inhu hekk, nurihom x'jien. Għax mhuwiex ftit il-frott li jinkiseb, Mulej Alla tiegħi, jekk ħafna jroddulek ħajr għalina u jekk ħafna jitolbuk għalina. L-ispirtu ta' l-aħwa ħa jħobb fija dak li int turihom li għandu jinħabb, u ħa jibku xħin jaraw fija dak li turihom li għandhom jibku minħabba fih. Ħa jagħmel hekk min għandu spirtu ta' aħwa, mhux spirtu ieħor, l-ispirtu tal-barrani li b'fommu jgħid il-gideb u b'lemintu jixhed il-qerq, imma dak l-ispirtu ta' l-aħwa li jifirħu minħabba fija jekk jarawni li jien tajjeb u jitnikktu minħabba fija jekk jaraw li miniex; huma xorta waħda jħobbuni, jarawni tajjeb jew le. Lil dawn, iva, nurihom x'jien, biex jieħdu n-nifs minħabba t-tajjeb tiegħi u jitniehdu minħabba l-ħażin tiegħi. Kull ma hemm tajjeb fija hu egħmil tiegħek u don tiegħek, imma kull ma hemm ħażin fija hu ħtija tiegħi u kastig mistħoqq tiegħek. Ħa jieħdu n-nifs għat-tajjeb u jitniehdu għall-ħażin tiegħi, u l-għana u l-ilfiq jitilgħu quddiemek mill-qlub ta' l-aħwa, ċensieri tiegħek. U int, Mulej, titgħaxxaq bir-riħa tfuħ tat-tempju qaddis tiegħek, u minħabba f'ismek tħenn għalija fil-kobor tal-ħniena tiegħek. Int, li qatt ma titlaq dak li tkun bdejt, wassal għat-tmiem dak kollu li fija mhuwiex perfett.

Dan hu l-ġid li nixtieq mill-istqarrijiet li nagħmel mhux dwar l-imgħoddi tiegħi, imma dwar il-qagħda tiegħi ta' issa. Għalhekk dawn l-istqarrijiet nagħmilhom l-ewwelnett



Wistin, ommu u l-qraba u l-ħbieb li kellu miegħu, qabdu t-triq lura lejn l-Afrika. Huwa waqaf f'Ostia Tiberina qrib Ruma, fejn Monika mietet fl-għomor ta' sitta u ħamsin sena.

quddiemek, bil-ferħ kif ukoll bil-biża' f'qalbi, b'sogħba kif ukoll b'tama ġo fija, u nwassalhom ukoll f'widnejn ulied il-bnedmin li jemmnu fik, li jissieħbu miegħi fil-ferħ, u l-mewt sehemhom bħali, ulied belt waħda miegħi, sħabi f'dan il-pellegrinaġġ, dawk li mxewh qabli jew li għad jimxuh warajja u dawk li mexjin miegħi fit-triq tiegħi. Dawn huma qaddejja tiegħek u ħuti, li int ridthom ikunu wliedek, li int tajthomli b'sidien tiegħi u ordnajtli biex naqdihom jekk irrid ngħix miegħek u bik. Ftit kien ikun jiswa dan l-ordni għalija li kieku Ibnek, meta taħuli bil-kliem, ma wriħulix ukoll minn qabel bl-eżempji tiegħu stess. Jiena nobdih bl-egħmil u bil-kliem, nobdih taħt il-kenn ta' ġwenħajk, għax nidħol f'periklu bla qjies jekk ruħi ma toqgħodx taħtek għall-kenn ta' ġwejnħajk meta inti taf tajjeb kemm jiena dgħajjef. Jien tfajjel ċkejken, iżda Missieri jgħix dejjem, u dak li jħarisni jgħodd sewwa għalija, għax dak li nissilni u dak li jħarisni huma wieħed; inti l-ġid tiegħi kollu, int li tista' kollox, li inti miegħi qabel ma jiena nkun miegħek. Għalhekk, lil dawk li tordnali biex naqdihom, nurihom mhux x'kont fl-imgħoddi, iżda xi bniedem sirt u għadni sa issa. Ma rridx niġġudika lili nnifsi, imma nħalli lill-oħrajn jisimgħuni.

5. Lili tiġġudikani int, Mulej, għax ħadd ma jagħraf dak li hemm moħbi fil-bniedem jekk mhux l-ispirtu tal-bniedem li hemm fih; iżda hemm xi ħaġa fil-bniedem li anqas l-ispirtu tal-bniedem li hemm fih ma jagħraf xinhi. Imma int, Mulej, tagħraf kull ma hemm ġo fih, għax kont int li ħlaqtu. U jien ukoll, minkejja li mmaqdar lili nnifsi quddiemek u nqis ruħi trab u rmied, imma nagħraf xi ħaġa fik li ma nagħrafhiex fija. Għax tabilħaqq, bħalissa

naraw bħallikieku f'mera, imċajpar, u għadna ma rajniex wiċċ imb'wiċċ, u għalhekk, sakemm għadna 'l bogħod minnek, jiena ninsab qrib lejja aktar milli lejk; madankollu għaraft li int b'ebda mod ma tista' titħassar, waqt li jien ma nafx liema tiġrib niflaħ naħrab u liema ma niflaħx. Iżda billi inti żżomm kelmtek, nittama li ma tħalliniex niġġarrbu aktar milli nifilħu u li mat-tiġrib tagħtina l-qawwa biex inkunu nistgħu nifilħu għalih. Mela fuqi nnifsi nistqarrlek dak li naf u nistqarrlek ukoll dak li ma nafx, għax dak li naf, nafu bid-dawl li tagħtini, u dak li ma nafx, nibqa' ma nafux sa ma d-dlamijiet tiegħi jsiru bħan-nofsinhar fid-dawl ta' wiċċek.

6. Fil-kuxjenza tiegħi ma għandi ebda dubju li nħobbok, Mulej, anzi jiena ċert minn dan. Inti lqatt lil qalbi bil-kelma tiegħek u ħabbejtek. U s-sema wkoll u l-art u kull ma fihom, minn kullimkien madwari jgħiduli biex in-ħobbok, u qatt ma jieqfu jgħidu l-istess lill-bnedmin kollha, biex ma jkollhom ebda skuża. Aktar minn hekk inti tħenn għal min tħenn u titħassar lil min titħassar, għax li ma kienx hekk, is-sema u l-art kienu jkunu jgħannu t-tifħir tiegħek lit-torox. Imma jien xi nkun inħobb meta nħobb lilek? Mhux xi ġmiel tal-ġisem jew ġieħ li jgħaddi, mhux il-bjuda tad-dawl ħabib ta' dawn il-għajnejn, mhux il-kisra ħelwa tal-għana ta' kull xorta, mhux ir-riħa tfuħ tal-ward u taż-żjut u tal-fwejjaħ, mhux il-manna u l-għasel, mhux il-membri li l-ġisem jitgħaxxaq iħaddan; mhux dawn inkun inħobb meta nħobb 'l Alla tiegħi. U madankollu nkun qiegħed inħobb dawl u leħen u riħa u ikel u tħaddin meta nħobb 'l Alla tiegħi: dawl u leħen u riħa u ikel u tħaddin tal-bniedem ta' ġewwa li hemm fija, fejn jiddi lil

ruħi dawl mhux magħluq fl-ispazju, fejn jinstema' leħen li ma jintefiex biż-żmien, fejn tinxtamm fwieħa li ma ttirx mal-fewġa, fejn ruħi ttiegħem ikel li qatt ma jonqos hi u tieklu, fejn it-tħaddin hu għaqda li ma xxabbax u ma tinħallx. Dan hu li nkun inħobb meta nħobb 'l Alla tiegħi.

U dan xi jkun? Staqsejt lill-art u qaltli, "Dan mhuwiex jien". U dak kollu li hemm fuq l-art weġibni l-istess. Staqsejt lill-baħar, lill-abissi u lill-bhejjem ħajjin li jitkaxkru, u lkoll weġbuni, "Aħna mahniex Alla tiegħek; fittxu aktar 'il fuq minna". Staqsejt lill-mewġ ta' l-arja, u l-ajru kollu b'kull ma fih weġibni, "Anassimenu tqarraq[2]; jien miniex Alla". Staqsejt lis-sema, lix-xemx, lill-qamar u l-kwiekeb, u qaluli, "Anqas aħna ma aħna Alla li qiegħed tfittex". Staqsejt lill-ħwejjeġ kollha li jinsabu madwari quddiem il-bibien ta' ġismi, u għidtilhom, "Intom li mintomx Alla tiegħi, kellmuni fuqu, għiduli xi ħaġa fuqu". U huma għollew leħenhom u weġbuni, "Huwa dak li għamilna". Il-mistoqsija tiegħi għamilthielhom bil-ħarsa li tfajt lejhom, u l-ġmiel tagħhom kien it-tweġiba tagħhom. Dort lejja nnifsi u staqsejt, "Int min int?". U weġibt, "Jien bniedem". U ara, jiena għandi ġisem u ruħ, wieħed minn barra u l-oħra minn ġewwa. Lil minn minnhom it-tnejn kien imissni nistaqsi fuq Alla tiegħi wara li permezz ta' ġismi kont ġa fittixtu mill-art sas-sema, sa fejn stajt inwassal id-dawl ta' għajnejja bħala l-messaġġier tiegħi? Il-bniedem li hemm ġewwa fija hu aħjar. Għalhekk il-messaġġieri kollha ta' ġismi resqu quddiemu bħala l-mexxej u l-imħallef, u tennewlu t-tweġib tas-sema u l-art u ta' kull ma jinsab fihom, li lkoll wieġbu, "Maħniex Alla", u "Huwa dak li għamilna".

Il-bniedem ta' ġewwa għaraf dan kollu bil-għajnuna li tiġih minn barra; jien, il-bniedem ta' ġewwa, għaraft dan kollu, jien, jien, ir-ruħ, permezz tas-sensi ta' ġismi. Staqsejt lid-dinja kollha minn tarf għall-ieħor fuq Alla tiegħi, u qaltli, "Mhuwiex jien, iżda huwa dak li għamilni".

Dawk li għandhom is-sensi tagħhom tajbin, forsi mhux ilkoll jaraw dan il-ġmiel madwarhom? Mela għaliex il-messaġġ tiegħu ma jaslilhomx ilkoll xorta waħda? Jarawh il-bhejjem, kbar u żgħar, iżda ma jistgħu jistaqsu xejn, għax ma għandhomx ir-raġuni biex tagħmilha ta' mħallef fuq it-tweġibiet tas-sensi. Il-bnedmin jistgħu jistaqsu, ħalli jaraw dak li f'Alla ma jidhirx u jagħarfuh permezz tal-ħlejjaq; iżda l-imħabba tagħhom tjassarhom għall-ħlejjaq, u l-ilsiera ma jistgħux ikunu mħallfin. Il-ħlejjaq ma jweġbux jekk min jistaqsihom ma jkunx jaf jagħmel ġudizzju. U huma anqas ma jbiddlu leħenhom, jiġifieri l-ġmiel tagħhom, biex lil dawk li jarawhom biss jidhrulhom mod, u lil dawk li jarawhom u jistaqsuhom ukoll jidhrulhom mod ieħor. Huma jidhru lil kulħadd xorta waħda, imma lil ta' l-ewwel ma jkellmuhomx, waqt li lill-oħrajn ikellmuhom; jew aħjar, huma jkellmu lil kulħadd, iżda jifhimhom dak biss li jista' jqabbel leħen il-ħlejjaq li jasallu minn barra mal-verità li tinsab ġo fih. Lili l-verità tgħidli, "Alla tiegħek mhuwiex is-sema u l-art, ma hu ebda ġisem". L-istess natura tagħhom tgħidu dan, għax kif kulħadd jista' jara, biċċa waħda mill-ħolqien hija inqas mill-ħolqien kollu. U lilek, ruħ tiegħi, jiena ngħidlek li int aħjar mill-ġisem, għax inti tgħajjex il-bini tiegħu billi tagħnih bil-ħajja li ebda ġisem ma jista' jagħti lil ġisem ieħor. Imma Alla tiegħek hu għalik il-ħajja ta' ħajtek.

7. Mela xi nħobb meta nħobb 'l Alla tiegħi? Min hu dan li hu 'l fuq minn ruħi? Bil-għajnuna ta' ruħi stess irrid nitla' ħdejh, nisboq il-qawwa tiegħi li tgħaqqadni ma' ġismi u li biha nimla l-bini tiegħu bil-ħajja. Mhux b'din il-qawwa nista' nsib 'l Alla tiegħi, għax inkella kienu jistgħu jsibuh ukoll iż-żiemel u l-bagħal li ma għandhomx dehen imma għandhom l-istess qawwa li biha l-iġsma tagħhom ukoll huma ħajjin. Hemm qawwa oħra li biha mhux biss ngħajjex lil ġismi, iżda wkoll inqabbdu jħaddem is-sensi tiegħu. Dan il-ġisem sawwarhuli Alla, u huwa ried li l-għajn tara mhux tisma', u li l-widna tisma' mhux tara; hekk ukoll ordna lil kull wieħed mis-sensi l-oħra biex jagħmel il-ħidma li tmiss lilu skond il-post u x-xogħol tiegħu. U jien, li jien ruħ waħda, permezz tas-sensi nagħmel dawn il-ħafna ħidmiet. Irrid nisboq anki din il-qawwa tiegħi, għax hi tinsab ukoll fiż-żiemel u l-bagħal li ġisimhom ukoll hu mogħni bis-sensi.

8. Mela nisboq ukoll din il-qawwa tan-natura tiegħi biex tarġa wara l-oħra nibqa' tiela' sa ħdejn dak li għamilni. Jien u tiela' nasal fl-egħlieqi u l-btieħi wesgħin tal-memorja, fejn jinsabu t-teżori tax-xbihat bla għadd ta' kull xorta ta' ħwejjeġ, xbihat li jaslu hemm ġew permezz tas-sensi. Hemm jinsabu wkoll il-ħsibijiet tagħna kollha, li bihom inkabbru jew inċekknu jew b'xi mod inbiddlu dak li jgħaddi mis-sensi, kif ukoll dak kollu li naħżnu u nerfgħu fil-memorja u li jkun għadu ma nqeridx u ndifen u ntesa. Meta nidħol hemm ġew, jiena nsejjaħ ix-xbihat kollha li rrid. Xi wħud joħorġu quddiemi minnufih, oħrajn indum iżjed insejħilhom sa ma qishom joħorġu mill-irkejjen l-aktar moħbija. Oħrajn imbagħad joħorġu

ruxxmata sħiħa quddiemi u, waqt li nkun nixtieq u nfittex xi ħaġa oħra, jaqbżu fin-nofs qishom iridu jgħiduli, "Mela mhux lilna trid?". Jiena nwarrabhom b'id qalbi minn quddiem wiċċ il-memorja tiegħi, sa ma x-xbieha li nkun sejjaħt toħroġ ċara quddiemi mill-moħba tagħha. Oħrajn joħorġu bil-kwiet u bla taħwid wara xulxin kif insejħilhom; dawk li jiġu l-ewwel iċiedu posthom lil ta' warajhom u jerġgħu jidħlu ġewwa, lesti biex jerġgħu joħorġu meta rridhom. Dan kollu jiġri meta nkun qiegħed intenni xi ħaġa bl-amment.

Fil-memorja jinsabu merfugħin, waħda waħda, il-ħwejjeġ kollha li daħlu hemm ġew, kull waħda mill-bieb tagħha: id-dawl u l-ilwien u s-suriet ta' l-iġsma, li daħlu mill-għajnejn; il-ħsejjes ta' kull xorta, li daħlu mill-widnejn; l-irwejjaħ kollha, li daħlu mill-imnifsejn; kull togħma li tidħol mill-ħalq; u kull ma l-ġisem kollu jħoss li hu iebes jew artab, sħun jew kiesaħ, mieles jew aħrax, tqil jew ħafif, sew minn ġewwa u sew minn barra. Il-memorja tiġbor dawk il-ħwejjeġ kollha fil-maħżen kbir tagħha, ma nafx infisser f'liema ħdan moħbi tagħha, biex terġa' ssejħilhom u toħroġhom kull meta jkun meħtieġ. Kull waħda minn dawn il-ħwejjeġ tidħol mill-bieb tagħha u titqiegħed fil-memorja. Ma għandniex xi ngħidu, mhux il-ħwejjeġ infushom jidħlu, imma x-xbihat ta' kull ma jaqa' taħt is-sensi, u jibqgħu hemm sa ma l-ħsieb jiftakar fihom u jsejħilhom. Aħna nafu minn liema sensi dawn ix-xbihat ikunu nqabdu u tqiegħdu ġewwa fina, imma min jista' jgħid kif issawru hemm ġew? Għax imqar jekk inkun fid-dlam u s-skiet, nista' jekk irrid, noħroġ mill-memorja l-ilwien u nagħżel l-abjad mill-iswed jew l-ilwien l-oħra li nixtieq; u dak li jkun daħal mill-għajnejn, jien u naħseb

fuqu, ma jiġix imfixkel u mħawwad mill-ħsejjes li huma wkoll ikunu fil-memorja, qishom merfugħin u mwarrbin għalihom. Jekk irrid, insejjaħ lill-ħsejjes ukoll, u jiġu quddiemi u ngħanni kemm irrid, bla ma nħarrek ilsieni, bla ma noħroġ ħoss minn gerżumti. Ix-xbihat ta' l-ilwien, għad li huma wkoll ikunu fil-memorja, ma jindaħlulix u ma jfixklunix jien u ninqeda bit-teżor l-ieħor li jkun daħal mill-widnejn. U hekk il-ħwejjeġ l-oħra li jkunu daħlu u tqiegħdu fil-memorja permezz tas-sensi l-oħra: jiena nġedded it-tifkira tagħhom kif irrid, u nagħżel il-fwieħa tal-ġilji minn tal-vjoli bla ma nxomm xejn, nagħżel il-għasel mill-inbid ġdid jew il-mieles mill-aħrax, mhux billi nduqhom jew immisshom, iżda billi nġedded it-tifkira tagħhom.

Dan kollu nagħmlu minn ġewwa, fis-sala bla qjies tal-memorja tiegħi. Hemm ġew, lesti għas-sejħa tiegħi, għandi s-sema u l-art u kull ma stajt inħoss permezz tagħhom, minbarra dak li nsejt. Hemm ġew niltaqa' wkoll miegħi nnifsi u niftakar x'għamilt, meta, fejn, u kif għamiltu, u x'ħassejt jien u nagħmlu. Hemm ġew jinsab dak kollu li jiena stess għaddejt minnu jew smajtu minn ħaddieħor. Mill-istess ħażna noħroġ ukoll ix-xbihat ta' dak kollu li jiena nnifsi ġarrabt jew li emmintu għax qabbiltu mat-tiġrib tiegħi; jiena norbot kollox ma' l-imgħoddi, nibni fuqu l-egħmejjel u l-ġrajjiet u t-tamiet tal-ġejjieni, u nġibu dejjem mill-ġdid fi ħsiebi bħallikieku ħwejjeġ ta' issa. Fil-ħdan bla qjies ta' ruħi, mimli bil-kotra ta' xbihat bħal dawn, nibda ngħid bejni u bejn ruħi, "Irrid nagħmel dan jew dak", u minnufih nilmaħ ix-xbieha ta' dan jew dak. Jew ngħid lili nnifsi, "Mhux li kien isir dan jew dak!", jew, "Alla jħarisni minn dak jew dan!", u malli

ngħid hekk, minnufih ix-xbihat tal-ħwejjeġ kollha li nsemmi joħorġu mit-teżor tal-memorja tiegħi, għax ma kontx inkun nista' nsemmihom li kieku ma kinux hemm.

Kbira hi l-qawwa tal-memorja, kbira ħafna, Alla tiegħi; hi santwarju ta' kobor bla qjies. Min niżel sal-qiegħ tagħha? Din il-qawwa tinsab f'ruħi, hi qawwa tan-natura tiegħi, u frattant ma nistax inħaddan lili nnifsi kollni kemm jien. U jekk ir-ruħ hija hekk dejqa li ma tesax lilha nfisha kollha kemm hi, fejn jinsab il-bqija tagħha li hi ma tesax? Jinsab barra minnha u mhux ġewwa fiha? Kif mela ma tesax kollox? Dan igħaġġibni u jnixxifni tassew. Il-bnedmin jistagħġbu kif imorru u jaraw il-qċaċet għolja tal-muntanji, l-imwieġ kbar tal-baħar, l-ilmijiet tax-xmajjar wesgħin, l-ibħra l-kbar li jdawru l-art, u l-kwiekeb li jterrqu fis-sema; iżda mbagħad jinsew lilhom infushom, u xejn ma jistagħġbu jekk dan kollu li semmejt, bla ma rajtu b'għajnejja, ma kontx insemmih kieku ma rajtx ġewwa fija l-muntanji u l-imwieġ u x-xmajjar u l-kwiekeb li rajt, u l-ibħra l-kbar li smajt fuqhom; ma kontx insemmihom kieku ma rajthomx fil-memorja tiegħi fl-ispazji tagħhom bla tarf, qisni qiegħed narahom minn barra. Meta rajthom b'għajnejja ma xrobthomx, u fija jinsabu mhux huma iżda x-xbihat tagħhom, u naf minn liema sensi ta' ġismi tnaqqxu fija.

9. Iżda l-memorja tiegħi ma tesax dawn il-ħwejjeġ biss fil-wisa' tagħha bla tarf. Ġewwa fiha hemm ukoll it-tagħrif li ksibt mit-tagħlim liberali u li għadni ma nsejtx, li issa jinsab fiha qisu mrekken 'il ġewwanett, iżda mhuwiex f'xi mkien; anqas ma hemm ix-xbihat tiegħu, imma l-istess tagħrif. Għax il-letteratura, is-sengħa tat-taħqiq, il-ħafna xorta ta' kwistjonijiet, u kull ma naf dwar dan



Meta wara l-konverżjoni wasal Tagaste, ma damx ma waqqaf komunità ċkejkna u beda jikteb bosta trattati. Il-fama tiegħu kibret u bdiet tinfirex ma' l-Afrika.

il-għerf kollu, jinsabu fil-memorja tiegħi mhux qisni żammejt ix-xbihat tagħhom biss u lilhom ħallejthom barra, mhux bħal xi ħaġa li smajtha u baqgħet għaddejja. Dawn mhumiex bħal leħen li jidħol mill-widnejn u jħalli ġo fina l-ħjiel tiegħu biex nistgħu niftakru fih, bħallikieku nkunu nisimgħuh meta ma jkunx għadu jinstema'; anqas ma huma bħal riħa li, waqt li tkun għaddejja u ttir mar-riħ, tolqot lil imnifsejna minn fejn iddaħħal fil-memorja x-xbieha tagħha li ġġeddidha fina; anqas ma huma bħall-ikel li żgur ma ntegħmuhx iżjed wara li jinżel fl-istonku, imma qisna nibqgħu ntegħmuh fil-memorja; anqas ma huma bħal xi ħaġa li tinħass u tintmess minn ġisimna u tħalli x-xbieha tagħha fil-memorja anki wara li titbiegħed minna. Dawn il-ħwejjeġ ma jidħlux fil-memorja; hija taħtaf biss ix-xbihat tagħhom b'ħeffa tal-għaġeb, tqegħidhom f'qishom imħażen tal-għaġeb, minn fejn toħroġhom b'mod tal-għaġeb biex tfakkarna fihom.

10. Min-naħa l-oħra, meta nisma' li hemm tliet xorta ta' kwistjonijiet, jiġifieri, jekk ħaġa teżistix, xinhi, u kif inhi, jiena nżomm ix-xbihat tal-ħsejjes li jibnu dawn il-kelmiet. Naf li l-ħsejjes jibqgħu għaddejjin ma' l-arja u ma jinstemgħux iżjed. Il-għerf stess tal-kwistjonijiet, imfissrin permezz ta' dawk il-ħsejjes, ma jkun waqa' taħt ebda wieħed mis-sensi ta' ġismi, u jien ma nkun qatt rajtu f'xi mkien 'il barra minn ruħi; iżda fil-memorja tiegħi nkun daħħalt lilu stess u mhux ix-xbieha tiegħu. Ħa jgħid huwa nnifsu, jekk jista', minn fejn daħal ġo fija. Jiena nħares lejn il-bibien kollha ta' ġismi, wieħed wara l-ieħor, u ma nsibx wieħed li seta' jidħol minnu. Għajnejja jgħiduli, "Jekk għandu lewn, daħħalnieh aħna"; widnejja

jgħiduli, "Jekk għandu ħoss, aħna wrejniek bih"; imnifsejja jgħiduli, "Jekk inxtamm, daħal mill-bieb tagħna"; is-sens tat-togħma jgħidli, "Jekk ma fihx togħma, tistaqsix lili"; is-sens tal-ħass igħidli, "Jekk ma għandux ġisem ma ħassejtux, u jekk ma ħassejtux mhux jien urejtek bih". Mela dan il-għerf minn fejn ġie u kif daħal fil-memorja tiegħi? Jiena ma nafx. Meta tgħallimtu, tgħallimtu mhux għax qgħadt fuq moħħ ħaddieħor, iżda għax għaraftu f'moħħi stess, rajt il-verità tiegħu, u ħallejtu hemm qisu merfugħ għal meta nkun irrid insejjaħlu. Mela kien ġa f'moħħi sa minn qabel ma tgħallimtu, għad li ma kienx jinsab fil-memorja tiegħi. Mela meta għallmuhuli, fejn jew għaliex għaraftu u għidt, "Hekk hu, tassew"? Kien forsi diġà fil-memorja, f'xi mkien imbiegħed u mudlam qisu f'egħrien moħbija hekk li ma kontx nista' naħseb fih kieku xi ħadd ma ħariġhulix minn hemm ġew bit-tagħlim tiegħu?

11. Dan il-għerf ma niksbux ix-xbieha tiegħu permezz tas-sensi, imma narawh ġewwa fina sewwa sew kif inhu, permezz tiegħu nnifsu mingħajr il-għajnuna ta' xbihat. Minn dan naraw li meta nitgħallmu dan il-għerf ma nkunux nagħmlu ħaġa oħra ħlief li b'moħħna niġbru dak li jinsab imxerred 'l hawn u 'l hinn fil-memorja tagħna, nieħdu ħsiebu u nqassmuh kif imiss, biex jekk qabel kien imxerred u mitluq fi rkejjen imwarrba, inqegħduh fejn nistgħu nidrawh u nilħquh malajr fl-isess memorja. Kemm għerf bħal dan jinsab fil-memorja tiegħi, li issa ntbaht bih u qegħidtu fejn nista' nilħqu malajr, kif ġa għidt! Dan hu li jfisser meta ngħidu li tgħallimna l-għerf u għarafnieh. U jekk imqar għal żmien qasir ma nibqax inġedded it-tifkira

tiegħu, huwa jerġa' jinħeba u qisu jgħib f'egħrien l-aktar imbiegħda, hekk li jkolli nerġa' naħseb fih bħallikieku kien għerf ġdid, noħorġu mill-moħba tiegħu għax ma jinsab imkien ieħor, u nġiegħlu jerġa' jsir magħruf, jiġifieri, inkun qisni niġbru mit-tixrid tiegħu. Minn hawn ġej il-verb *cogitare*, għax *cogo* u *cogito* huma bħal *ago* u *agito*, *facio* u *facito* [3]. Iżda aħna ninqdew b'dan il-verb biex infissru dak li l-moħħ biss jagħmel, hekk li drajna ngħidu sewwa *cogitare* għal dik l-azzjoni weħidha tal-ġabra li ssir fil-moħħ u mkien ieħor.

12. Fil-memorja jinsab ukoll il-għadd bla qjies tal-prinċipji u l-liġijiet ta' l-aritmetika u l-ġjometrija, li ma daħlu fiha minn ebda sens tal-ġisem, għax la għandhom ilwien, la leħen, la riħa u lanqas togħma, u lanqas jistgħu jintmessu. Kull darba li smajt min jitkellem fuqhom, jiena smajt it-tlissin tal-kliem li bih infissru l-prinċipji, imma l-kliem hu ħaġa u l-prinċipji ħaġa oħra. Il-kliem bil-Latin idoqq mod u bil-Grieg mod ieħor, iżda l-prinċipji la huma Latini u lanqas Griegi jew ilsien ieħor. Ġie li rajt il-linji li jinħażżu mill-imgħallmin tas-sengħa, linji rqaq ħafna daqs ħajta ta' għanqbuta, imma dawn huma ħaġa waqt li x-xbihat tagħhom li daħlu mill-għajnejn ta' ġismi huma ħaġa oħra. Wieħed isir jaf x'linji huma għax jagħrafhom fih innifsu, bla ma jaħseb f'ebda ħaġa materjali. Taħt is-sensi kollha ta' ġismi waqgħu wkoll in-numri li ngħoddu, iżda l-prinċipji tal-għadd huma ħaġa oħra, u anqas ma huma x-xbieha tan-numri, u għalhekk jeżistu tassew fihom infushom. Ħa jidħak bija minn jismagħni nitkellem fuq dawn il-ħwejjeġ bla ma jifhimhom: id-daħk tiegħu nitħassru.

13. Dan kollu żammejtu fil-memorja, u fiha żammejt ukoll il-mod kif tgħallimtu. Smajt ħafna argumenti foloz għall-aħħar kontra dawn il-veritajiet, u lilhom ukoll żammejt fil-memorja; l-argumenti huma foloz, imma l-fatt li jiena bqajt niftakarhom mhuwiex falz. Jien għamilt għażla bejn dawn il-veritajiet u bejn l-argumenti foloz li jinġiebu kontra tagħhom; għadni niftakar ukoll kif għamilt din il-għażla, u llum qiegħed narani nagħmilha b'mod li ma għandux x'jaqsam mal-mod l-ieħor li bih, kif għadni niftakar, kont nagħmilha sikwit kull meta naħseb fiha. Għalhekk mhux biss niftakar li bosta drabi fhimt dawn il-veritajiet, iżda wkoll inqiegħed fil-memorja l-ħwejjeġ li llum nagħmel għażla bejniethom u nifhimhom, biex 'il quddiem nibqa' niftakar li jien issa fhimthom. Mela llum niftakar ukoll illi fl-imgħoddi ftakart, l-istess kif għal li ġej, jekk niftakar li dawn il-ħwejjeġ seħħli niftakarhom illum, niftakarhom 'il quddiem ukoll, dejjem bis-saħħa tal-memorja.

14. Fl-istess memorja jinsabu wkoll is-sentimenti ta' ruħi, mhux bl-istess mod li ħassejthom f'ruħi meta ġarrabthom, iżda b'mod ieħor differenti ħafna li jaqbel mas-setgħa tal-memorja. Niftakar fil-ferħ ta' l-imgħoddi anki meta miniex ferħan; niftakar fin-niket ta' l-imgħoddi anki meta miniex imnikket; niftakar li xi drabi bżajt anki meta miniex beżgħan; niftakar fix-xewqat ta' l-imgħoddi anki meta ma għadnix inħosshom. Xi drabi jiġrili bil-maqlub, nifraħ xħin niftakar fin-niket tiegħi ta' l-imgħoddi u nitnikket minħabba l-ferħ li ġarrabt. Dan xejn ma hu tal-għaġeb f'dak li jmiss lill-ġisem, għax l-ispirtu hu ħaġa u l-ġisem hu ħaġa oħra. Għalhekk xejn ma nistagħġeb jekk

nifraħ xħin niftakar f'xi tbatija li ħassejt f'ġismi u li issa għaddiet. Iżda mbagħad hemm ħaġa oħra. Il-memorja wkoll hija spirtu. Meta ngħidu lil xi ħadd biex iżomm xi ħaġa f'moħħu, ngħidulu, "Qis li żżommha fl-ispirtu tiegħek". Jekk ninsew, ngħidu, "Ma żammejtx fl-ispirtu tiegħi", jew, "Ħariġli mill-ispirtu tiegħi"[4]. Jiġifieri, il-memorja nsejħulha spirtu. Mela ladarba huwa hekk, dan xi jfisser li, jekk nifraħ xħin niftakar f'niket li għadda, fl-ispirtu jkun hemm il-ferħ waqt li fil-memorja jkun hemm in-niket, u li l-ispirtu jifraħ bil-ferħ li jkun jinsab fih, waqt li l-memorja ma titnikkitx bin-niket li jkun jinsab fiha? Jaqaw il-memorja mhijiex sehem mill-ispirtu? Min se jiċħdu dan? Tabilħaqq, il-memorja nistħajjilha l-istonku ta' l-ispirtu, u l-ferħ u niket huma qishom ikel ħelu u ikel morr. Meta jidħlu fil-memorja, ikunu qishom niżlu fl-istonku; huma jistgħu jibqgħu fl-istonku, iżda t-togħma le. Hi ħaġa tad-daħk li nxebbhu l-memorja ma' l-istonku, imma xi ftit jixxiebhu.

Hemm iżjed. Aħna ngħidu li erbgħa huma l-ħwejjeġ li jħawdu l-ispirtu, jiġifieri, ix-xewqa, il-ferħ, il-biża' u n-niket. Dawn, meta nsemmihom, inkun qiegħed noħroġhom mill-memorja. U dak kollu li nista' ngħid fuqhom, il-mod kif inqassam kull waħda minnhom skond l-ispeċi u l-ġens, id-definizzjonijiet li nagħtihom, dan kollu nsibu fil-memorja u noħorġu minnha. Iżda jien u nġedded it-tifkira tagħhom, ebda waħda minnhom ma tħawwadni bit-taħwid li dejjem iġġib magħha. Huma jinsabu fil-memorja sa minn qabel ma niftakar fihom u noħroġhom minnha, u hu sewwa sew għalhekk li nistgħu niftakruhom u nsejħulhom. Jista' jkun li, bħalma xi bhejjem itellgħu l-ikel mill-istonku tagħhom u jixtarruh, hekk aħna noħorġu

dawn is-sentimenti mill-memorja billi niftakru fihom. Mela meta wieħed jitkellem fuqhom, jiġifieri, meta jiftakar fihom, il-għala fil-ħalq ta' ħsiebu ma jħossx il-ħlewwa tal-ferħ jew l-imrar tan-niket? Hu forsi f'dan li l-memorja u l-istonku ma jixxebhux ladarba ma jixbhux lil xulxin f'kollox? Min se jieħu gost jitkellem fuq dawn is-sentimenti jekk kull darba li nsemmu n-niket jew il-biża' nħossu xi jġagħalna nitnikktu jew nibżgħu? B'danakollu ma nistgħux nitkellmu fuqhom jekk fil-memorja tagħna ma nsibux ix-xbihat tagħhom bħalma nsibu l-ħsejjes ta' ismijiethom skond ix-xbihat tagħhom li tnaqqxu fil-memorja tagħna permezz tas-sensi ta' ġisimna. Ix-xbihat ta' dawn is-sentimenti ma daħlu fina minn ebda bieb tal-ġisem, imma l-ispirtu stess xorobhom bl-esperjenza tiegħu u għaddiehom lill-memorja, jew il-memorja nfisha żammithom weħidha bla ma ħadd għaddihomlha.

15. Mhix ħaġa ħafifa ngħid jekk dan li qiegħed insemmi jsirx permezz ta' xbihat jew le. Nista' nsemmi l-ġebel u x-xemx anki meta ma jkunux quddiem is-sensi tiegħi, għax ix-xbihat tagħhom jinsabu tassew fil-memorja tiegħi. Insemmi wkoll it-tbatija tal-ġisem meta ma nħosshiex għax ma jkolli ebda wġigħ, iżda jekk fil-memorja tiegħi ma jkollix ix-xbieha tagħha ma nkunx naf x'jiena ngħid, u fid-diskors tiegħi ma nkunx nista' nagħżilha mill-pjaċir. Insemmi s-saħħa tal-ġisem meta ġismi hu f'saħħtu, u nħossha tassew, iżda jekk ma għandix ix-xbieha tagħha fil-memorja, ma nkunx nista' niftakar xi jfisser il-ħoss ta' din il-kelma; u l-morda, jekk xi ħadd isemmilhom is-saħħa, ma jifhmux fuqiex qiegħed jitkellem jekk fil-memorja ma jkollhomx ix-xbieha tagħha, għad li s-saħħa

ma tkunx f'ġisimhom. Insemmi n-numri li ngħoddu, iżda fil-memorja tiegħi għandi lilhom infushom u mhux ix-xbihat tagħhom. Insemmi x-xbieha tax-xemx li tinsab fil-memorja tiegħi, u hija hi li tiġini fi ħsiebi, mhux xbieha oħra tax-xbieha tax-xemx; lilha nara meta niftakar fiha. Insemmi l-memorja, u nagħraf x'qiegħed insemmi. Fejn nagħrafha jekk mhux fil-memorja stess? Hi forsi x-xbieha tagħha u mhux hi stess li tinsab fiha nfisha?

16. Jekk insemmi n-nisi u nagħraf x'qiegħed insemmi, kif nista' nagħarfu jekk ma niftakrux? Miniex ngħid għall-ħoss ta' dan l-isem, iżda għan-nisi stess li l-ħoss ifisser. Jekk ninsa xinhu n-nisi, ma jseħħlix nagħraf x'jiswa l-ħoss ta' ismu. Meta niftakar fil-memorja, hi l-memorja stess li tiġini fi ħsiebi; iżda meta niftakar fin-nisi, jiġuni fi ħsiebi sew memorja u sew in-nisi, il-memorja li niftakar biha, u n-nisi li niftakar fih. Imma xinhu n-nisi jekk mhux nuqqas ta' memorja? Mela kif jinsab fija biex nista' niftakar fih, meta jekk jinsab fija ma jħallinix niftakar? Aħna nżommu fil-memorja dak li niftakru; jekk ma niftakrux xinhu n-nisi, ma nistgħu qatt nagħarfu l-isem tiegħu xi jfisser meta nisimgħuh jitlissen. Minn dan jiġi li n-nisi jinsab fil-memorja. Mela dik l-istess ħaġa li jekk tinsab fina ġġagħalna ninsew, tinsab ukoll fina biex ma ninsewx xinhi. Forsi dan ifisser li, meta niftakru fin-nisi, fil-memorja tagħna jkollna biss ix-xbieha tiegħu u mhux lilu stess? Għax jekk in-nisi stess jinsab ġo fina, iġagħalna mhux niftakru imma ninsew. Min jista' jgħarbel bir-reqqa dawn il-ħwejjeġ? Min jista' jifhem kif inhuma?

Mulej, jiena qiegħed nitħabat fuq dan, nitħabat fuq dak li jiġri fija nnifsi. Sirt qisni art iebsa li jaħtieġli negħreq

ħafna biex naħdimha. Maħniex infittxu kemm hu wiesa' s-sema jew inqisu kemm il-kwiekeb huma mbiegħda minn xulxin, maħniex nistaqsu kif id-dinja titwieżen fl-ispazju. Min qiegħed jiftakar huwa jien, jien, l-ispirtu. Mhix ħaġa tal-għaġeb jekk dak kollu li mhuwiex jien jinsab 'il bogħod minni. X'hemm qrib tiegħi aktar minni nnifsi? U ara, jiena stess ma nistax nifhem il-qawwa tal-memorja tiegħi għad li mingħajrha anqas fuqi nnifsi ma nista' nitkellem. Għax x'nista' ngħid jekk jiena żgur li n-nisi niftakar xinhu? Ngħid li dak li niftakar xinhu ma jinsabx fil-memorja tiegħi? Jew li n-nisi jinsab fil-memorja tiegħi biex jiena ma ninsiex? Żewġ mistoqsijiet tassew tal-boloh! Imma xi ngħidu għal din it-tielet waħda: Kif nista' ngħid li fil-memorja tiegħi tinsab ix-xbieha tan-nisi u mhux in-nisi stess meta niftakar fih? Kif nista' ngħidu dan, meta kull darba li xi ħaġa titnaqqax fil-memorja tiegħi, jenħtieġ li qabel xejn ikolli quddiemi l-ħaġa nfisha biex ix-xbieha tagħha tista' titnaqqax fil-memorja tiegħi? Hekk niftakar f'Kartaġni u f'kull post ieħor li kont fih, hekk niftakar l-uċuh tal-bnedmin li ltqajt magħhom u dak kollu li waqa' taħt is-sensi l-oħra tiegħi, hekk niftakar fis-saħħa u t-tbatija ta' ġismi. Meta dawn kienu quddiemi, il-memorja siltet minnhom ix-xbihat tagħhom biex inkun nista' nħares lejhom bħallikieku kienu għadhom quddiemi, u moħħi jaħseb fihom meta niftakar fihom bla ma jkunu quddiemi. Jekk mela fil-memorja tiegħi tinsab ix-xbieha tan-nisi u mhux in-nisi stess, jenħtieġ li dan kien xi darba quddiem moħħi biex ix-xbieha tiegħu setgħet titnaqqax. U jekk kien quddiemi, kif naqqax ix-xbieha tiegħu fil-memorja jekk in-nisi bil-preżenza tiegħu jħassar anki dak li jsib miktub fiha? Hu xinhu, anki jekk ma nistax nifhem u



Il-ħajja qaddisa li għex wara l-konverżjoni tiegħu u l-ħidma appostolika li għamel bil-kitba u l-predikazzjoni għamlu lil Wistin l-aqwa wieħed fost il-Missirijiet tal-Knisja Latina. Bil-kliem ta' David fuq fommu miet fis-sena 430.

nfisser kif, jien żgur li b'xi mod niftakar ukoll fl-istess nisi li bih jitħassar kull ma niftakru.

17. Kbira hi l-qawwa tal-memorja, hi ħaġa tal-biża', Alla tiegħi, u t-tiżwiq tagħha profond u bla tarf. U dan hu l-ispirtu, dan hu jien innifsi. Mela jiena x'jien, Alla tiegħi? Xinhi n-natura tiegħi? Hi ħajja li qatt ma hi l-istess, ngħixuha b'ħafna modi, u hi ta' setgħa liema bħalha. Ara, il-memorja tiegħi fiha kotra bla qjies ta' witat b'egħrien u daħliet, mimlijin b'għadd bla qjies ta' ħwejjeġ ta' kull sura li ħadd ma jista' jgħoddhom. Dawn kollha jinsabu fil-memorja, jew permezz tax-xbihat tagħhom, bħal fil-każ ta' ħwejjeġ materjali; jew jinsabu fiha huma nfushom, bħal fil-każ tal-għerf; jew ma nafx b'liema tagħrif jew sinjali, bħal fil-każ tas-sentimenti tar-ruħ li l-memorja tibqa' żżommhom anki meta r-ruħ ma tkunx tħosshom, għax kull ma jinsab fil-memorja jinsab ukoll fir-ruħ. Jiena niġġerra u nittajjar 'l hawn u 'l hinn fuq dawn il-ħwejjeġ kollha u nibqa' dieħel fihom kemm nista' bla ma nsib it-tarf tagħhom. Daqshekk hi kbira l-qawwa tal-memorja, u daqshekk hi sħiħa l-qawwa tal-ħajja fil-bniedem li jgħix u jmut. Mela x'għandi nagħmel, Alla tiegħi u ħajja tiegħi tassew? Inħalli warajja din il-qawwa tiegħi li tissejjaħ memorja, u nibqa' għaddej sa ma nasal ħdejk, dawl ħelu. U int xi tgħidli? Ara, jiena nixxabbat ma' ruħi biex nasal ħdejk, li dejjem tinsab fuqi, u nitla' wkoll 'il fuq minn din il-qawwa tiegħi li tissejjaħ memorja, għax irrid nilħaq lilek fejn inti tista' tintlaħaq, irrid ningħaqad miegħek kif nistgħu ningħaqdu miegħek. Il-bhejjem u l-agħsafar ukoll għandhom il-memorja, għax inkella ma kinux isibu l-ħofriet u l-bejtiet tagħhom jew il-ħafna ħwejjeġ l-oħra li

huma mdorrijin bihom imma li ma kinux jistgħu jidrawhom li ma kellhomx il-memorja. Mela nħalli warajja l-memorja biex nasal għand dak li għażilni mill-bhejjem ta' erba' saqajn u tani għaqal aqwa minn ta' l-agħsafar tas-sema. Nisboq din il-memorja biex insib lilek, tjubija tassew u ħlewwa li qatt ma tonqos. Imma fejn? Fejn insibek? Jekk insibek bla ma tkun fil-memorja tiegħi, dan ifisser li nkun insejtek. Imbagħad kif insibek jekk anqas it-tifkira tiegħek ma jkolli?

18. Il-mara li tilfet id-drakma fittxitha bil-musbieħ mixgħul; li kieku nsietha ma kinetx tfittixha. U meta sabitha, kif saret taf li dik kienet id-drakma tagħha jekk mhux għax żammitha f'moħħha? Niftakar li bosta drabi jien ukoll tlift xi ħwejjeġ u sibthom wara li fittixthom. Dan nafu għax ġie li xi ħadd rani nfittex xi ħaġa u qalli, "Jaqaw din?", jew, "Dik?", u jien kont nibqa' nwieġbu, "Le", sa ma tiġi quddiemi l-ħaġa li nkun qiegħed infittex. Kien x'kien dak li kont infittex, jekk ma niftakarx x'kien, anqas jekk iqegħduhuli quddiemi ma kont insibu, għax ma nkunx nista' nagħarfu. U dejjem hekk jiġri meta nfittxu l-mitluf u nsibuh. Jekk xi ħaġa tgħib minn quddiem għajnejna iżda tibqa' fil-memorja, bħalma jiġri fil-każ ta' ħwejjeġ materjali li jidhru, ġo fina jkollna x-xbieha tagħha, u aħna nibqgħu nfittxuha sa ma l-ħaġa tiġi quddiem għajnejna. U meta nsibha, nagħraf li hija hi permezz tax-xbieha tagħha li tkun baqgħet ġo fija. Ma nistgħux ngħidu li sibna l-mitluf jekk ma nagħarfuhx, anqas nistgħu nagħarfuh jekk ma niftakruhx; għal għajnejna jkun intilef, iżda jkun għadu fil-memorja.

19. Iżda meta mbagħad tkun l-istess memorja li titlef xi ħaġa, bħal meta ninsew ħaġa u nfittxu li niftakruha, fejn naqbdu nfittxuha jekk mhux fl-istess memorja? U jekk il-memorja turina xi ħaġa oħra minflokha, aħna nibqgħu nwarrbuha sa ma tiġi quddiemna dik li nkunu qegħdin infittxu. Meta mbagħad narawha, ngħidu, "Iva, din hi". Dan ma nistgħux ngħiduh jekk ma nagħarfuhiex, anqas nistgħu nagħarfuha jekk ma niftakruhiex. Mela żgur li nkunu nsejnieha. Jew forsi mill-memorja ma kinetx ħarġet il-ħaġa kollha kemm hi, imma baqgħet fiha biċċa waħda minnha li permezz tagħha qgħadna nfittxu l-biċċa l-oħra? Bħallikieku l-memorja ntebħet li dik il-ħaġa mhijiex tfakkarha sħiħa bħas-soltu, u għalhekk ħasset ruħha qisha qiegħda żżappap fuq biċċa waħda minn dak li dratu sħiħ, u qagħdet tfittex bir-reqqa l-biċċa l-oħra nieqsa. U donnu hekk jiġri meta naraw b'għajnejna jew jiġi fi ħsiebna bniedem li nafuh. Nibdew nistaqsu lilna nfusna x'jismu, għax inkunu nsejna. Kull isem ieħor li jiġina f'moħħna ma jkollu ebda rabta miegħu, u għalhekk inwarrbuh għax ma nkunux imdorrijin ngħaqqduh ma' dak il-bniedem. U nibqgħu nwarrbuh sa ma jiġina l-isem li s-soltu fi ħsiebna norbtuh sewwa sew mal-bniedem li nafu. Iżda minn fejn jiġina dan l-isem jekk mhux mill-istess memorja? Għax ukoll jekk ikun ħaddieħor li jfakkarhulna, dan ikun qiegħed jiffriskalna l-memorja. Ma nkunux naċċettaw l-isem li jsemmilna bħallikieku xi ħaġa ġdida għalina, imma nkunu nġeddu t-tifkira ta' l-isem li ġa nafu u għalhekk ngħidu li tassew hu l-isem li ħaddieħor isemmilna. Li kieku ħarġilna għal kollox minn moħħna, anqas jekk isemmihulna ħaddieħor ma niftakruh, għax jekk għallinqas niftakru li nkunu nsejna ħaġa, dan ifisser li din il-ħaġa ma nkunux

insejnieha għal kollox. Jekk imbagħad din il-ħaġa nkunu tlifnieha u nsejnieha għal kollox, anqas biss inkunu nistgħu nfittxuha.

20. Mela jien kif se nfittxek, Mulej? Meta nkun infittex lilek, Alla tiegħi, inkun infittex il-ħajja tal-hena. Ħa nfittex lilek, biex ruħi tgħix. Għax jekk ġismi jgħix b'ruħi, ruħi tgħix bik. Kif se nfittixha l-ħajja tal-hena? Jien ma jkollix din il-ħajja qabel ma nkun nista' ngħid, "Daqshekk irrid, hemm hi l-ħajja tal-hena". U hawn jenħtieġ ngħid kif se nfittixha: jew billi niftakar fiha bħallikieku nsejtha imma bqajt niftakar li nsejtha, jew billi nixtieq nagħraf hena li għadni ma għaraftux għax jew qatt ma kont naf xinhu jew insejtu b'mod li anqas niftakar li nsejtu. Forsi l-ħajja tal-hena mhijiex dik li kulħadd iridha u ma hemm ħadd li ma jridhiex? Fejn saru jafu biha biex issa jixtiquha daqshekk? Fejn setgħu rawha biex issa saru jħobbuha? Żgur li din il-ħajja tinsab fina, iżda kif ma nafx. Xi wħud huma henjin għaliex diġà kisbuha, oħrajn għax jittamaw li għad jiksbuha. Dawn ta' l-aħħar, il-ħajja tal-hena tinsab fihom fi grad inqas minn ta' dawk li ġa kisbuha tassew; iżda huma aħjar minn dawk li la qatt kisbu l-hena u lanqas jittamaw fih. Madankollu b'xi mod il-hena ġa jinsab f'dawn l-oħrajn ukoll, għax inkella ma jistgħux jixtiquh daqshekk. U ma hemm ebda dubju li huma wkoll jixtiquh. Ma nafx kif saru jafu bih u għalhekk kif ġa jinsab fihom; dan ma nafux, imma nixtieq inkun naf. Jinsab forsi fil-memorja? Jekk inhu hekk, mela aħna ġa konna henjin xi darba. Imma għalissa ma rridx nistaqsi jekk konniex henjin ilkoll kemm aħna, wieħed, wieħed, jew konniex henjin f'dak il-bniedem li kien l-ewwel midneb u aħna lkoll mitna fih, u

lkoll twelidna minnu fil-miżerja. Li rrid nistaqsi issa hu jekk il-ħajja tal-hena tinsabx fil-memorja. Li ma konniex nafu biha, kieku anqas ma konna nħobbuha. Imma smajna biha u lkoll ngħidu li nixtiquha, u ma nieħdu ebda gost jekk nisimgħuha tissemma biss. Jekk wieħed Grieg jisma' dan l-isem bil-Latin ma jiġih ebda gost, għax ma jifhimx xinhu jintqal; imma aħna nieħdu gost, l-istess kif hu wkoll jieħu gost jekk jisma' dan l-isem bil-Grieg. Imma l-hena fih innifsu la hu Grieg u lanqas Latin, u lilu jixtiequ bil-ħerqa sew il-Griegi u l-Latini u sew il-bnedmin ta' kull ilsien ieħor. Mela l-ħajja tal-hena jaf biha kulħadd. Kieku wieħed seta' jinqeda b'kelma waħda li l-bnedmin kollha jifhmuha u jistaqsihom jekk iridux ikunu henjin, bla dubju ta' xejn kienu jwieġbu li iva, iridu. Dan ma kienx jiġri li kieku l-hena, imfisser permezz ta' din il-kelma, ma kienx fih innifsu jinsab fil-memorja tagħhom.

21. Jinsab forsi fil-memorja bħalma t-tifkira ta' Kartaġni tibqa' f'moħħ dawk li rawha? Le, għax il-hena ma narawhx b'għajnejna, mhuwiex ħaġa materjali. Niftakruh bħalma niftakru n-numri? Le, għax min ġa għandu t-tagħrif tan-numri ma jibqax ifittxu; imma l-hena, li nafu xinhu u għalhekk ngħożżuh, nibqgħu nixtiequ li niksbuh biex inkunu henjin. Jinsab mela fil-memorja bħalma niftakru l-elokwenza? Anqas. Dawk li għadhom ma kisbux din l-arti jiftakru xinhi meta xi ħadd isemmilhom dan l-isem. Ħafna minnhom jixtiquha, u dan juri li jafu xinhi, imma permezz tas-sensi tal-ġisem saru jafu b'oħrajn imħarrġin fl-elokwenza, ħadu gost biha u xtaquha għalihom ukoll. Kieku ma kinux jafu biha ma kinux jieħdu gost biha, kif anqas ma kienu jixtiquha kieku ma ħadux gost biha. Imma

l-hena b'ebda sens tal-ġisem ma nistgħu nħossuh fl-oħrajn. Jinsab mela fil-memorja bħalma tinsab it-tifkira tal-ferħ? Jista' jkun; għax anki meta kont imnikket ftakart fil-ferħ li ġarrabt, bħalma ftakart fil-hena meta kont imdejjaq. B'danakollu l-ferħ qatt ma waqa' taħt xi wieħed mis-sensi ta' ġismi: la qatt rajtu jew smajtu, la xammejtu jew doqtu, u lanqas qatt missejtu. Ġarrabtu f'ruħi meta kont ferħan, u t-tifkira tiegħu baqgħetli fil-memorja ħalli nista' niftakar fih, daqqa mmaqdru u oħra nixtiequ, skond x'kienet ir-raġuni tal-ferħ li nkun niftakar. Ġie li l-ferħ ġarrabtu b'egħmejjel moqżieża u għalhekk issa nistmerru u nisħtu, u ġie li ġarrabtu bi ħwejjeġ tajbin u xierqa u għalhekk nifraħ meta niftakar fih, għad li xi drabi, meta dawn il-ħwejjeġ ma nsibhomx iżjed, it-tifkira tal-ferħ li nissluli ssewwidli qalbi.

Mela fejn u meta ġarrabt fija l-hena biex nibqa' niftakar fih u ngħożżu u nixtiequ? Mhux jien waħdi jew ma' ftit oħrajn, imma lkoll kemm aħna rridu nkunu henjin. Li kieku ma kellniex tagħrif sħiħ fuq il-hena, ma konniex irriduh b'rieda hekk sħiħa. Imma dan xi jfisser? Jekk insib tnejn u nistaqsihom iridux jidħlu suldati, għandu mnejn wieħed igħidli iva u l-ieħor le. Imma jekk nistaqsihom iridux ikunu henjin, ma hemmx dubju li t-tnejn minnufih iweġbuni li iva. Anzi hu għalhekk li wieħed irid isir suldat u l-ieħor le, biex isibu l-hena tagħhom. Forsi mhux tassew li xi wħud ifittxu l-hena tagħhom fi stat u oħrajn fi stat ieħor? Il-bnedmin kollha jgħidu b'leħen wieħed li jridu jkunu henjin, l-istess kif jekk xi ħadd jistaqsihom iridux ikunu ferħanin, ilkoll b'leħen wieħed iwieġbu li iva, għax għalihom il-ferħ huwa l-hena tal-ħajja. Hemm xi wħud li jgħaddu minn triq, u hemm oħrajn li jaqbdu triq oħra,

imma lkoll ifittxu li jaslu fi skop wieħed, il-ferħ. Il-ferħ huwa ħaġa li ħadd ma jista' jgħid li qatt ma ġarrabha, u din hi r-raġuni li l-ferħ jinsab fil-memorja u lkoll nagħarfuh meta nisimgħu 'l min jitkellem fuq il-hena tal-ħajja.

22. Ma jkun qatt, Mulej, ma jkun qatt li jien, il-qaddej tiegħek li qiegħed jistqarrlek dan kollu, inħalli jidħol f'qalbi l-ħsieb li kull xorta ta' ferħ jista' jagħmilni hieni. Hemm ferħ li ma jingħatax lill-ħżiena, imma jingħata lil dawk li jqimuk minn qalbhom, u l-ferħ tagħhom huwa int. Dan hu l-hena tagħna: nifirħu għalik, bik u minħabba fik. Ma hemmx hena ieħor ħlief dan. Dawk li jaħsbu li hemm hena ieħor, ifittxu ferħ ieħor li mhuwiex il-ferħ tassew, għad li r-rieda tagħhom tibqa' tfittex xi ħaġa tixbah lill-ferħ.

23. Mela mhuwiex żgur li l-bnedmin kollha jridu jkunu henjin, għax dawk li ma jifirħux bik, li int waħdek il-ħajja tal-hena, mhux tassew li jridu jkunu henjin. Jew forsi tassew li kulħadd irid ikun hieni; iżda billi l-passjonijiet tal-ġisem huma kontra l-ispirtu u l-ispirtu hu kontra l-ġisem, il-bnedmin ma jistgħux jagħmlu kull ma jixtiequ, u għalhekk jibqgħu fuq dak li jistgħu jagħmlu u jikkuntentaw ruħhom b'hekk, għax ir-rieda tagħhom mhix sħiħa biżżejjed biex iseħħilhom jagħmlu li ma jistgħux. Jien nistaqsihom ilkoll xinhu dak li jridu jifirħu bih, jekk hux bil-verità jew bil-qerq, u ilkoll iweġbuni bla tlaqliq li jagħżlu l-verità, l-istess kif iwieġbu bla tlaqliq li lkoll iridu jkunu henjin. Għax il-hena huwa l-ferħ li jitnissel mill-verità. U dan huwa l-ferħ li jiġina minnek, o Alla, li inti l-verità, Alla tiegħi, id-dawl u l-għajnuna tiegħi. Din

hi l-ħajja hienja li kulħadd irid, il-ħajja li l-bnedmin kollha jriduha għax hi weħidha hi hienja; kulħadd iridu dan il-ferħ li ġej mill-verità. Naf ħafna bnedmin li jridu jqarrqu bl-oħrajn, imma ħadd minnhom ma jrid ikun imqarraq. Minn fejn saru jafu xinhi l-ħajja hienja jekk mhux minn fejn saru jafu xinhi l-verità? Iħobbu l-verità għax ma jridux ikunu mqarrqa; ladarba jħobbu l-hena, li mhux ħlief il-ferħ li ġej mill-verità, mela jħobbu wkoll il-verità. Ma kinux iħobbuha li ma kellhomx xi tagħrif tagħha fil-memorja. Mela għaliex ma jifirħux biha? Il-għala mhumiex henjin? Għax moħhom hu iżjed medhi bi ħwejjeġ oħra, u dawn iwaqqgħuhom fil-miżerja iktar milli tagħmilhom henjin il-verità li bilkemm jiftakru xinhi. Ftit ieħor baqagħlu d-dawl fost il-bnedmin; mela ħa jibqgħu miexja, ħa jibqgħu miexja, biex id-dlam ma jilħaqhomx.

Imma għaliex il-verità ġġib il-mibegħda? Jekk huma jħobbu l-hena, li mhuwiex ħlief ferħ ġej mill-verità, il-għala lill-bniedem tiegħek iqisuh bħala għadu tagħhom meta jxandrilhom il-verità? Dan jiġri għax il-bnedmin, meta jħobbu xi ħaġa oħra li mhijiex il-verità, iwaħħlu f'rashom li l-ħaġa li jħobbu hija l-verità, u billi ma jridux min iqarraq bihom, ma jaħmlux min jurihom li huma mqarrqa. Għalhekk jobogħdu l-verità, minħabba f'dik l-istess ħaġa li minn għalihom hi l-verità. Il-verità jħobbuha meta jarawha fid-dawl tagħha, iżda jobogħduha jekk iċċanfarhom. Iridu jqarrqu b'ħaddieħor, imma ma jridux jafu li huma mqarrqin, u għalhekk iħobbu l-verità meta turihom lilha nfisha; iżda mbagħad jekk hija turihom lilhom infushom isiru jobogħduha. U l-kastig li hija tagħtihom huwa dan: lil dawk li ma jriduhiex tikxifhom, turihom xinhuma anki jekk ma jridux, filwaqt li hi tibqa' moħbija

għalihom. Daqshekk, iva, daqshekk hi għamja u bla ħila r-ruħ tal-bniedem! Trid li l-kruha u l-għajb tagħha jibqgħu moħbija, imma ma trid xejn moħbi għaliha. Iżda jiġrilha l-kuntrarju, għax hi ma tinħebiex mill-verità, waqt li l-verità tinħeba minnha. Iżda minkejja li tkun tinsab f'dan l-istat ta' miżerja, hija tibqa' dejjem tagħżel aktar il-ferħ tal-verità milli dak tal-gideb. U għalhekk iseħħilha tkun hienja jekk, bla ma tiddejjaq biha nfisha, tifraħ biss bil-verità li tagħmel kollox veru.

24. Ara kif infrixt fil-memorja tiegħi biex infittex lilek, Mulej, u ma sibtek imkien barra minnha. Ma sibt xejn minnek li ma bqajtx niftakru minn dak in-nhar li sirt nafek. Minn mindu għaraftek ma nsejtek qatt. Għax fejn sibt il-verità sibt 'l Alla tiegħi li hu l-istess verità, u din ma nsejtha qatt minn mindu għaraftha. Minn xħin għaraftek bqajt fil-memorja tiegħi, u hemmhekk insibek kull meta niftakar fik u nitgħaxxaq bik. Dawn huma l-għaxqiet tiegħi, id-don li tajtni meta fil-ħniena tiegħek ħarist lejn il-faqar tiegħi.

25. Iżda fejn tinsab fil-memorja tiegħi, Mulej? Fejn tinsab? Liema kamra għamilt għalik? Liema santwarju bnejt għalik? Inti tajt lill-memorja tiegħi l-ġieħ tal-għamara tiegħek, imma nixtieq naf f'liema naħa tagħha tinsab. Jien u niftakar fik, ħallejt warajja dawk it-taqsimiet tagħha li jinsabu fil-bhejjem ukoll, għax lilek ma sibtekx hemm fost ix-xbihat tal-ħwejjeġ materjali, u wasalt fit-taqsimiet li fihom qegħidt is-sentimenti ta' ruħi; iżda anqas hemm ma sibtek. Bqajt dieħel 'il ġewwa sa ħdejn is-siġġu li l-istess ruħi għandha fil-memorja, għax ruħi wkoll tiftakar

lilha nfisha, iżda int ma kontx hemm: int mintix ix-xbieha ta' ħaġa materjali, anqas ma int xi sentiment li jinħass f'ruħ ħajja, bħal meta nifirħu jew nitnikktu, nixtiequ jew nibżgħu, niftakru jew ninsew, jew sentiment ieħor bħal dawn, u għalhekk mintix l-istess ruħ, għax inti l-Mulej, Alla ta' ruħi; u dawn huma kollha ħwejjeġ li jitbiddlu, waqt li int ogħla minnhom u ma titbiddel qatt. Int għoġbok tgħammar fil-memorja tiegħi minn mindu għaraftek. Għalfejn nistaqsik fejn tinsab fiha bħallikieku għandha fiha xi postijiet? Inti żgur tgħammar fiha, għax bqajt niftakrek minn mindu għaraftek, u nsibek fiha kull meta niftakar fik.

26. Imma fejn sibtek biex għaraftek? Int ma kontx fil-memorja tiegħi qabel ma għarftek. Mela fejn sibtek biex għaraftek jekk mhux fik innifsek 'il fuq minni? Int ma għandekx post: nitbiegħdu minnek u nersqu lejk bla ma tinsab f'xi post. Inti l-verità, tinsab kullimkien fuq dawk kollha li jiġu jistaqsuk, u twieġeb lil kulħadd f'daqqa anki jekk jistaqsuk fuq ħwejjeġ li ma għandhom x'jaqsmu xejn bejniethom. It-tweġiba tiegħek tasal ċara, iżda mhux kulħadd jismagħha ċar. Kulħadd jistaqsik fuqiex irid, iżda mhux dejjem ikollu t-tweġiba li jistenna. L-aħjar qaddej tiegħek hu dak li jfittex jisma' minn għandek mhux dak li jrid hu, imma iżjed dak li inti twieġbu.

27. Domt ma ħabbejtek, ġmiel hekk antik u hekk ġdid, domt ma ħabbejtek! U ara, inti kont ġewwa fija, u jiena barra minni nnifsi. Fittixtek barra, meta fil-kruha tiegħi nxtħett fuq il-ġmiel tal-ħlejjaq tiegħek. Int kont miegħi, iżda jien ma kontx miegħek. Żammewni 'l bogħod

minnek il-ħwejjeġ li ma kinux jeżistu kieku ma jeżistux fik. Inti sejjaħtli, u l-għajta tiegħek fetħitli widnejja torox; id-dawl tiegħek leħħ u idda fuqi, u keċċa l-għama tiegħi; int xerridt il-fwieħa tiegħek li daħlet fi mnifsejja, u issa nixtieqek; doqt tjubitek, u issa jien ġewħan u għatxan għalik; missejtni, u sirt imħeġġeġ għas-sliem tiegħek.

28. Meta ningħaqad miegħek kollni kemm jien, qatt iżjed ma jkolli taħbit u niket, u ħajti tkun ħajja kollha mimlija bik. Inti twaqqaf u twieżen lil dawk li timla bik; iżda jien għadni miniex mimli bik, u għalhekk jien toqol għalija nnifsi. Il-ferħ tiegħi, li jmissni nibkih, jitqabad man-niket tiegħi, li jmissu jferraħni, u ma nafx min minnhom se jegħleb lill-ieħor. In-niket il-ħażin tiegħi jitqabad mal-ferħ it-tajjeb tiegħi, u ma nafx min minnhom se jegħleb lill-ieħor. Imsejken jien! Ħenn għalija, Mulej! Imsejken jien! Ara, ma naħbix minnek il-ġrieħi tiegħi: inti t-tabib, jiena l-marid; inti l-ħanin, jiena l-imsejken. Forsi l-ħajja tal-bniedem mhijiex tiġrib fuq din l-art? Min hu dak li jixtieq id-dwejjaq u t-toqol? Dawn huma ħwejjeġ li inti tridna nistabru bihom, mhux inħobbuhom. Ħadd ma jħobb ħaġa li jkollu jistabar biha, anqas jekk ikun iħobb jistabar. U mqar jekk jieħu gost jistabar, aktar jagħżel li ma jkollux biex jistabar. Jekk jiġini l-għawġ nixtieq il-ġid, u jekk inkun fil-ġid nibża' mill-għawġ. Hemm xi stat ieħor bejn dawn it-tnejn li fih il-ħajja tal-bniedem ma hix tiġrib? Ħażin għalina jekk ir-riżq tad-dinja jitbissmilna, l-ewwelnett għax nibżgħu mill-għawġ u t-tieni għax ma rridux nitilfu l-ferħ! U ħażin ukoll għalina jekk il-għawġ tad-dinja jżurna, l-ewwel għax nixtiequ l-ġid, it-tieni għax l-istess għawġ inħossuh iebes, u t-tielet għax nibżgħu li

jtellfilna sabarna! U għalhekk il-ħajja tal-bniedem fuq l-art mhijiex tiġrib wieħed bla mistrieħ ta' xejn?

29. It-tama kollha tiegħi tinsab fil-ħniena kbira tiegħek. Agħtini li nagħmel li tordnali, u ordnali li trid. Inti tridna nżommu ruħna fil-qjies. Xi ħadd qal: Jien għaraft li ħadd ma jista' jżomm ruħu fil-qjies jekk Alla ma jagħtihx id-don; u dan ukoll huwa għerf, li tagħraf ta' min hu dan id-don. Għax tassew, meta nżommu ruħna fil-qjies, aħna ninġabru ġemgħa waħda f'dik il-għaqda li tferrixna wisq minnha. Min iħobb lilek u xi ħaġa oħra miegħek li ma jkunx iħobbha minħabba fik, ftit ikun iħobbok. O mħabba li dejjem tħeġġeġ u qatt ma tintefa! O mħabba, Alla tiegħi, kebbisni! Inti tridna nżommu ruħna fil-qjies: agħtini li nagħmel li tordnali, u ordnali li trid.

30. Inti tridni tassew inrażżan il-ġibda tal-ġisem u l-ġibda tal-għajnejn u x-xewqat żejda tad-dinja. Ordnajtli biex nitbiegħed minn rabta bla żwieġ ma' mara, u wissejtni wkoll dwar iż-żwieġ meta wrejtni bi stat aħjar mir-rabta skond ir-rieda tiegħek. Bil-grazzja tiegħek jien ħaddant dan l-istat sa minn qabel ma sirt ministru tas-sagrament tiegħek. Iżda fil-memorja tiegħi, li fuqha tkellimt fit-tul, għad għandi x-xbihat li d-drawwa tal-pjaċiri naqqxitli fiha u li għadhom jiġu jħabbtuni meta nkun imqajjem, għad li issa tilfu s-setgħa tagħhom fuqi. Iżda waqt l-irqad mhux biss nieħu gost bihom, imma wkoll inkun irridhom u qisni nerġa' naqa' għalihom. Dawn ix-xbihat, li ruħi tistħajjel, għandhom qawwa kbira fuq ġismi, għax minkejja li huma dehriet mistħajla, fl-irqad iħajruni għal dak li ma jistgħux iġagħluni nagħmel jekk narahom tassew meta nkun

imqajjem. Forsi f'dawk il-waqtiet, Mulej Alla tiegħi, jien ma nkunx iżjed jien? Għax tassew, inħoss bidla kbira fija f'dak il-waqt li fih ngħaddi mill-qawmien għall-irqad u mill-irqad għall-qawmien! F'dik in-nitfa ħin xi jsir minnha r-raġuni li, meta nkun imqajjem, tieqaf lil tħajjir bħal dan u tibqa' sħiħa sa fl-istess tiġrib? Forsi tingħalaq fiha nfisha meta l-għajnejn jingħalqu jew tixxaħxaħ mas-sensi tal-ġisem? Mela kif jiġri li, saħansitra fl-irqad, sikwit inżommu iebes fit-tiġrib, għax niftakru fil-fehmiet li nkunu għamilna u nkunu rridu nibqgħu sħaħ fihom bis-safa kollu, bla xejn ma nintelqu għal tiġrib bħal dan? Iżda mbagħad, jekk xi drabi fl-irqad inkunu mod għax ikun ġralna l-kuntrarju, meta nqumu nkunu mod ieħor għax ikollna l-kuxjenza fis-sliem; u minn dan stess naraw li ma jkunux ħatja ta' dak li b'xi mod ikun ġralna kontra qalbna fl-irqad.

O Alla li tista' kollox, mhijiex idek qawwija biex tfejjaq lil ruħi mill-mard kollu tagħha? Ma tistax tkattar fuqi l-grazzja tiegħek biex inbiegħed minni t-tqanqil żieni fl-irqad ukoll? Int, Mulej, tkattarli dejjem iżjed id-doni tiegħek biex ruħi teħles mill-qżież tal-ġibdiet ħżiena, timxi warajja sa ħdejk, u ma tqumx iżjed kontra tagħha nfisha, u biex ix-xbihat anqas fl-irqad ma jħassruha u jbaxxuha b'egħmil ikrah li bih il-ġisem ukoll jitniġġes, ħalli mhux biss ma taqax fih, iżda anqas tkun tridu. Int, li tista' kollox, għandek il-qawwa li tagħmel kollox bil-wisq iżjed milli aħna nistgħu nitolbu jew naħsbu; mela mhix ħaġa kbira għalik biex tagħmel li dawn il-ħwejjeġ ma jiġbdunix iżjed, jew biex il-ġibda tagħhom tkun hekk dgħajfa li nkun nista' niqfilhom bħallikieku xejn meta nkun f'soddti b'fehma safja. Inti tista' tagħmel li dan iseħħ fija matul ħajti, u l-

iżjed fil-għomor tiegħi. Jien issa wrejt lis-Sid tajjeb tiegħi x'għadni nħoss f'din ix-xorta ta' ħażen tiegħi; u dan stqarrejthulek bil-ferħ, kif ukoll għax id-doni tiegħek ibeżżgħuni u n-nuqqas ta' perfezzjoni tiegħi jbikkini. Nittama li tibqa' tħenn għalija sa l-aħħar, sa ma twassalni f'dak is-sliem sħiħ li għad jimlieni minn ġewwa u minn barra meta nkun miegħek, meta l-mewt tinbela' fir-rebħa.

31. Il-jum fih taħbit ieħor, u jalla jkun biżżejjed għalih. Bl-ikel u x-xorb aħna nġeddu l-ġisem tagħna li jitħassar kuljum, sa ma inti teqred sew l-ikel u sew l-istonku meta tneħħilna l-bżonn billi xxebbagħna b'mod tal-għaġeb, u dan il-ġisem li jitħassar jilbes għal dejjem in-nuqqas ta' taħsir. Imma għalissa dan il-bżonn għadni nħossu ħelu u jkolli nissara kontra l-ħlewwa tiegħu biex ma jwaqqagħnix fil-jasar tiegħu. Kuljum nitqabad permezz tas-sawm u sikwit injassar lil ġismi, imma din it-tbatija tisfa' fix-xejn bil-pjaċir li nieħu. Għax il-ġuħ u l-għatx huma tbatija li tifnina u ttemmna bħal meta jkollna d-deni jekk ma ngħinux ruħna bl-ikel. Inti tfarraġna bid-doni tiegħek u tagħmel li l-art u l-ilma u s-sema jaqdu lil ġisimna dgħajjef; għalhekk l-ikel insibuh dejjem u l-bżonn kbir tiegħu nsejħulu pjaċir.

Int għallimtni nersaq għall-ikel bħallikieku duwa. Iżda fil-waqt li ngħaddi mill-għafsa tal-bżonn għall-hedu tax-xaba', f'dak il-waqt stess insib in-nassa tax-xewqa tistennieni. Għax din il-mogħdija tagħtini pjaċir, u l-bżonn ma jsibx triq oħra biex iġagħalna ngħaddu minnha. Aħna nieklu u nixorbu minħabba f'saħħitna, iżda l-pjaċir iġarrabna u jindiehes fl-iskop tas-saħħa, anzi bosta drabi jkun hu li jfittex jibda t-triq, hekk li jġagħalni nagħmel

minħabba fih dak li nifhem u rrid nagħmel minħabba f'saħħti. Tassew li s-saħħa u l-pjaċir ma jaħdmux fuqi bl-istess mod, għax dak li hu biżżejjed għas-saħħa hu ftit għall-pjaċir. Bosta drabi jiġri li ma nkunux nafu jekk hijiex il-ħtieġa tal-ġisem li tfittex għajnuna iżjed, jew hijiex ix-xewqa qarrieqa tal-pjaċir li trid servizz ieħor. Ir-ruħ imsejkna jogħġobha dan id-dubju, għax b'hekk iġġib skuża u tinħeba warajha; hija tifraħ meta ma tarax ċar kemm hu biżżejjed għall-ħtieġa tas-saħħa, u bl-iskuża tagħha tfittex li taqta' xewqitha. Jien kuljum nagħmel ħilti biex nieqaf lil dan it-tiġrib; insejjaħ il-leminija tiegħek u nurik bit-taħbit tiegħi, għax għadni miniex żgur minni nnifsi fuq dan.

Nisma' leħen Alla tiegħi li jwissini: Qisu li l-ikel u x-xorb iżżejjed u s-sokor ma jmewtulkomx qalbkom. Is-sokor hu 'l bogħod minni: ħenn għalija biex ma jersaqx lejja. Imma l-ikel u x-xorb żejjed ġie li jidħlu bis-serqa fuq il-qaddej tiegħek: ħenn għalija biex jitbiegħdu minni. Ħadd ma jista' jżomm ruħu fil-qjies jekk mhux b'don tiegħek. Inti tagħtina bosta grazzji jekk nitolbuhomlok, u kull ġid li ħadna qabel ma tlabnihulek waslilna minn għandek; kien b'don tiegħek ukoll li mbagħad għarafna l-ġid li tkun tajtna. Is-sokor jien ma ħabbejtu qatt, imma naf b'ħafna li kienu mogħtijin għas-sokor u int għamilthom nies meqjusa. Mela minnek kien ġej li xi wħud ma saru qatt dak li qatt ma kienu, minnek kien ġej li oħrajn ma baqgħux iżjed dak li kienu qabel, kif ukoll minnek kien ġej li sew dawn u sew dawk għarfu li dan kollu kien egħmil tiegħek magħhom. Smajtek tgħid ukoll: Tħallix xewqatek jiġbduk warajhom, u rażżanhom il-ġibdiet tiegħek. Bil-grazzja tiegħek smajt ukoll dawn il-kelmiet li

għożżejthom ħafna: La se nżidu jekk nieklu, u lanqas se nnaqqsu jekk ma niklux[5]; jiġifieri, bl-ikel ma nistagħniex, kif anqas ma niftaqar bin-nuqqas ta' ikel. U smajt dan ukoll: Jien tgħallimt ngħaddi b'dak li jkolli; naf ngħix fil-ġid u naf ngħix fil-għaks; għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' dak li jqawwini. Dan[6] kien tassew suldat ta' l-eżerċti tas-sema, mhux trab bħalna. Ftakar, Mulej, li aħna trab, u li int mit-trab sawwart il-bniedem li ntilef u reġa' nstab. Ma kienx bis-saħħa tiegħu nnifsu li l-Appostlu felaħ għal kollox, għax hu wkoll kien trab. Jiena nħobb nisimgħu jgħid il-kliem li int nebbahtu: Għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' dak li jqawwini. Qawwini, biex jien ukoll inkun niflaħ għal kollox. Agħtini li nagħmel li tordnali, u ordnali li trid. Huwa jistqarr li dan id-don irċevih minn għandek, u jekk jiftaħar bih, jiftaħar fil-Mulej. Smajt ieħor jitolbok din il-grazzja: Biegħed minni l-ġibdiet taż-żaqq. Minn dan naraw, Alla l-qaddis tiegħi, li hu don tiegħek jekk aħna nagħmlu li tordnalna.

Missier tajjeb, int għallimtni li kollox hu safi għal min hu safi, imma jagħmel ħażin il-bniedem li jiekol xi ħaġa li biha jiskandalizza lil ħaddieħor. Għidtli li kull ma ħlaqt int huwa tajjeb, u xejn ma għandu jitwarrab minn dak li jista' jittieħed b'radd ta' ħajr. Għidtli wkoll li l-ikel ma jressaqniex lejn Alla, li ħadd ma għandu jiġġudikana fuq ikel u xorb, u li min jiekol ma għandux imaqdar lil min ma jikolx, kif anqas min ma jikolx ma għandu jiġġudika lil min jiekol. Dan kollu tgħallimtu, u nżżik ħajr u nfaħħrek, Alla tiegħi, l-imgħallem tiegħi, li ħabbattli fuq il-bieb ta' widnejja u dawwaltli qalbi. Eħlisni minn kull tiġrib. Jien ma għandix biża' li l-ikel se jniġġisni, imma nibża' mit-tinġis tax-xewqat. Naf li Noè tħalla jiekol minn

kull xorta ta' laħam tajjeb għal-ikel; li Elija kiel il-laħam u wetieħ; li Ġwanni, li kien isum sawm tal-għaġeb, ma tniġġes xejn mill-bhejjem, jiġifieri, mill-ġradijiet li ngħatawlu b'ikel tiegħu. Naf ukoll li x-xewqa tal-għads qarrqet b'Għesaw; li David ċanfar lilu nnifsu għax xtaq jixrob l-ilma; u li s-Sultan tagħna kien imġarrab mhux permezz tal-laħam imma permezz tal-ħobż. Għalhekk anki l-poplu fid-deżert stħaqqlu ċanfira mhux għax xtaq il-laħam, iżda għax minħabba x-xewqa ta' l-ikel gemgem kontra l-Mulej.

Fost dan it-tiġrib jien kuljum nitħabat kontra x-xewqat żejda ta' l-ikel u x-xorb. Dawn mhumiex drawwa li nista' niddeċiedi li neqridha darba għal dejjem u ma nerġax naqa' fiha, kif għamilt dwar iż-żina tiegħi. Għalhekk jaħtieġli nżomm bil-qjies l-ilġiem fl-ikel u x-xorb, hekk li la jkun merħi u lanqas issikkat. Iżda, Mulej, hemm xi ħadd li kultant ma jisboqx it-truf tal-ħtieġa? Jekk hemm xi ħadd, dan hu bniedem kbir u għandu jsebbaħ lil ismek. Jien miniex dan ix-xi ħadd, għax jien midneb; imma xorta waħda nsebbaħ lil ismek. Dak li rebaħ id-dinja jidħol għalija quddiemek minħabba fi dnubieti; huwa jgħodd lili wkoll fost il-membri dgħajfin ta' ġismu. Int rajt b'għajnejk kemm fih membri mimlijin nuqqasijiet, u lkoll jinkitbu fil-ktieb tiegħek.

32. Ma nħabbilx rasi wisq dwar il-ġibda għar-rwejjaħ ifuħu; meta ma jkunux madwari ma nfittixhomx, u meta jkunu ma naħrabhomx, għax jien lest biex niċċaħħad minnhom għal kollox. Għallinqas hekk inħossni, imma jista' jkun li sejjer żball, għax dawn ukoll huma dlamijiet ta' min jibkihom, u qegħdin jaħbuli x'setgħa

tinsab ġewwa fija. Ruħi tistaqsi lilha nfisha x'ħila għandha, u ma ssibhiex ħaġa ħafifa tistrieħ fuq il-fehma tagħha. Bosta drabi dak li jinsab fiha jkun moħbi, u trid tkun l-esperjenza li ġġagħalha tintebah bih. Għalhekk ħadd ma għandu joqgħod b'rasu mistrieħa f'din il-ħajja li mhijiex ħlief tiġrib, għax bħalma wieħed minn ħażin jista' jsir tajjeb, hekk ukoll minn tajjeb jista' jsir ħażin. Aħna għandna tama waħda, fiduċja waħda, wegħda sħiħa waħda: it-tjieba tiegħek.

33. Il-ġibda tas-sens tas-smigħ rabtitni iżjed qawwi mal-madmad tagħha, imma int ħallejtli l-irbit u ħlistni. Illum, meta nisma' l-ilħna ħelwin u mħarrġin tajjeb iħeġġu t-tagħlim tiegħek bil-għana tagħhom, nistqarr li nibqa' msaħħar xi ftit, iżda mhux b'mod li nibqa' mwaħħal fejn inkun, għax inqum xħin irrid. Imma biex dak il-għana jidħol f'qalbi flimkien mat-tifsira tal-kliem li tagħnih bil-ħajja, huwa jfittex f'qalbi post daqsxejn ta' ġieh, u jien bilkemm nagħtih il-post li jixraqlu; għax xi drabi nħoss li qiegħed nagħtih post ta' ġieh iktar milli jistħoqqlu. Tassew li dan il-kliem qaddis, iżjed meta jitkanta milli meta ma jitkantax, inħossu jkebbes f'ruħna n-nar tat-tjieba b'mod iktar reliġjuż u iktar imħeġġeġ; kull wieħed mis-sentimenti ta' ruħna jħoss dawk l-ilħna u dak il-għana jqanqluh b'mod li jaqbel sewwa sew max-xejra ta' kull wieħed minnhom, qishom għandhom bejniethom rabta misterjuża li ma nafx infissirha. Iżda l-gost tas-sensi, li ma għandniex inħalluh jeħdilna rasna, sikwit iqarraq bija. Is-sensi, meta jissieħbu mar-raġuni, ma jistabrux jimxu warajha, anzi jfittxu li jmorru quddiemha u jmexxuha huma, avolja jkun bis-saħħa tagħha li jistħoqqilhom jidħlu. U minħabba f'hekk

nidneb bla ma nintebah, u mbagħad nintebah wara.

Xi drabi, rari ħafna, ma nżommx il-qjies u nkun aħrax iżżejjed fit-trażżin ta' din il-ġibda qarrieqa. Meta jiġrili hekk, inkun nixtieq inbiegħed minn widnejja u mill-Knisja stess kull għana ħelu li s-soltu jitkanta mas-salmi ta' David. Jidhirli li s-sistema ta' Atanasju, l-isqof ta' Lixandra, hi wisq aħjar. Kif smajt bosta drabi, dan ried li l-lettur igħid is-salmi bla ma jbiddel ħafna t-ton, hekk li donnu jkun qiegħed iżjed jaqra milli jkanta. Iżda meta niftakar kemm dmugħ xerridt jien u nisma' l-kant tal-knisja fl-ewwel żmien wara li rġajt ħaddant il-fidi, u kemm illum ukoll inħossni mqanqal mhux mill-istess kant iżda mill-kliem meta jitkanta, mill-ġdid nagħraf is-siwi kbir ta' dan it-taħriġ. U għalhekk insib ruħi bejn ħalltejn, bejn il-periklu tal-pjaċir u bejn il-ġid li naf li jiġi minn dan it-taħriġ. Ma rridx ngħid li ħadd ma jista' jmieri l-fehma tiegħi, imma nħossni aktar imxaqleb lejn id-drawwa tal-kant fil-Knisja, ħalli b'hekk l-erwieħ aktar dgħajfa jitqawwew u jitħeġġu fit-tjieba bil-gost tal-kant li jisimgħu. Jien iżda, jekk il-kant iqanqalli qalbi iżjed minn dak stess li jitkanta, nistqarr li nħossni ħati ta' dnub, u allura aktar nagħżel ma nisma' kant xejn. Ara fiex ninsab! Ibku miegħi, ibku għalija intom li tagħmlu xi ġid lilkom infuskom minn ġewwa li mbagħad turuh bl-egħmil minn barra. Imma lilkom li ma tagħmlu ebda ġid, dan li qiegħed ngħid ma jqanqalkomx. Int, Mulej Alla tiegħi, ismagħni, ixħet ħarstek fuqi u arani, ħenn għalija u fejjaqni, għax sirt kwistjoni għalija nnifsi quddiemek, u din hi l-marda tiegħi.

34. Baqagħli nsemmi l-pjaċir li nieħu b'dawn il-għajnejn ta' ġismi. Fuq dan irrid nagħmel stqarrija biex

tasal f'widnejn it-tempju tiegħek[7], widnejn twajba ta' aħwa. B'hekk nagħlaq id-diskors tiegħi dwar it-tigrib tal-ġibdiet tal-ġisem li għadhom iħabbtuni, waqt li nitniehed u nixxennaq li nilbes fuq din il-għamara tal-ġisem il-għamara l-oħra tas-sema. Il-għajnejn iħobbu s-sbuħija tas-suriet ta' kull xorta u l-ġmiel safi ta' l-ilwien. Jalla ma norbotx ruħi magħhom, imma norbot ruħi ma' Alla li għamel dan kollu u ra li kollox kien tajjeb ħafna. Il-ġid tiegħi huwa hu, mhux dawn il-ħwejjeġ. Kuljum xħin inkun imqajjem huma jolqtuli għajnejja u ma jħallunix bi kwieti kif jagħmel wieħed li jkun ikanta u mbagħad jiskot, jew kif ġie li jiskot kollox madwari. Inkun fejn inkun bin-nhar, id-dawl, sultan ta' l-ilwien, jixtered fuq kull ħaġa li naraw u joqgħod iżiegħel bija b'kull mod waqt li nkun medhi fuq ħwejjeġ oħra bla ma nagħti kas tiegħu. Huwa jidħol fuqna ħelu ħelu b'qawwa hekk kbira li nixxennqu għalih jekk f'daqqa waħda ma narawhx iżjed, u nsewdu qalbna jekk indumu ma nerġgħu narawh.

O Dawl li ra Tobija meta b'dawn il-għajnejn magħluqa kien igħallem it-triq tal-ħajja lil ibnu u jimxi quddiemu bir-riġlejn ta' l-imħabba bla ma joħroġ mit-triq! O Dawl li ra Iżakk meta wara li għajnejh iċċajpru u tqalu bix-xjuħija stħaqqlu mhux ibierek lill uliedu għax għarafhom, iżda jagħrafhom mill-barka li tahom! O Dawl li ra Ġakob meta hu wkoll xjieħ ħafna u ma baqax jara, u firex ir-raġġi tad-dawl ta' qalbu fuq il-poplu mħabbar minn qabel f'uliedu! B'mod misterjuż sallab idejh u qegħidhom fuq ulied ibnu Ġużeppi mhux kif ried missierhom, li ra biss dak li kien qiegħed isir minn barra, iżda kif għażel hu bid-dawl li kellu minn ġewwa. Dan huwa d-Dawl li hu waħdu d-Dawl, u dawk kollha li jarawh u jħobbuh isiru ħaġa

waħda bejniethom. Imma d-dawl tal-ġisem, li fuqu kont qed nitkellem, jagħti togħma ħelwa iżda perikuluża lill-ħajja tal-għomja li jħobbu d-dinja. Meta jitgħallmu jfaħħruk għal dan id-dawl ukoll, Alla li ħlaqt kollox, huma jsemmuh fl-innu tiegħek[8] u mhux jinbelgħu fih fl-irqad tagħhom. Hekk nixtieq nagħmel jien. Irrid inżomm iebes lill-qerq tal-għajnejn, biex ma jkollix tfixkil għal riġlejja li bihom nimxi fit-triq tiegħek; irrid nerfa' lejk il-għajnejn ta' ruħi biex mix-xbiek taqlagħli riġlejja. Inti taqlagħhomli kull darba li jeħlu fih, għax int, li tħares lil Israel, la tongħos u lanqas torqod.

Il-bnedmin, biex ipaxxu l-għajnejn, żiedu għadd bla qjies ta' ħwejjeġ oħra bl-arti u s-snajja' tagħhom: ilbies, qrieq, fuħħar, u xogħlijiet oħra ta' kull xorta, kif ukoll pitturi u bosta frott ieħor ta' l-immaġinazzjoni tagħhom, wisq aktar minn dak li jenħtiġilhom biex bih jinqdew bil-qjies u jfissru t-tjieba tagħhom. Huma jinġibdu għal egħmil idejhom li jidher minn barra, u minn ġewwa jinsew lil dak li għamel dawn il-ħwejjeġ kollha, barra milli jħassruhomlu minn kif għamilhom. Iżda jien, Alla tiegħi u ġieħ tiegħi, għal dan ukoll ngħannilek innu u noffri sagrifiċċju ta' tifħir lil dak li offra ruħu b'sagrifiċċju għalija, għax il-ġmiel li permezz tar-ruħ igħaddi f'idejn l-artisti huwa ġej minn dak il-ġmiel li hu ogħla mill-erwieħ; lilu titniehed ruħi lejl u nhar. Iżda dawk li jaħdmu l-ġmiel li jidher u jinġibdu warajh iħarsu lejh bħala l-qjies tal-għoġba tagħhom, mhux bħala l-qjies ta' kif għandhom jinqdew bih. Dan il-qjies jinsab quddiemhom, iżda billi ma jarawhx, jitbiegħdu minnu bla ma jistennew lilek, il-qawwa tagħhom, u jaħlu ħilithom fuq ġmiel li jgħajjihom. Iżda minkejja li qiegħed ngħid u nara dan kollu, jiena nnifsi

nħalli riġlejja jinqabdu fix-xibka ta' dawn il-ġmilijiet. Naf li inti taqlagħhomli minn hemm, Mulej; fil-ħniena tiegħek taqlagħhomli, xi drabi bla ma nħossok għax riġlejja ma jkunux inqabdu wisq, imma drabi oħra nħossok tweġġagħni għax inkun marsus wisq fix-xibka.

35. Ma' dawn irrid inżid xorta oħra ta' tiġrib li jista' b'ħafna modi jagħmel il-ħsara. Għax barra mill-ġibda tal-għajnejn li tinsab fil-pjaċiri tas-sensi u x-xewqat kollha, ġibda li tgħarraq u tjassar lil kull min jitbiegħed minnek, ir-ruħ għandha wkoll ġibda oħra biex tinqeda bis-sensi tal-ġisem, mhux biex togħġob lill-ġisem, imma biex permezz tiegħu ġġarrab il-frugħa tal-kurżità li tinsatar taħt l-isem ta' għerf u xjenza. Billi din il-kurżità tiġi mix-xewqa tal-għerf, u billi l-għajnejn jaqduna iżjed mis-sensi l-oħra biex niksbu l-għerf, il-kelma t'Alla sejħitilha ġibda tal-għajnejn. Sewwa sew huma l-għajnejn li jaraw, imma aħna ngħidu li s-sensi l-oħra wkoll jaraw meta ninqdew bihom biex insiru nafu xi ħaġa. Aħna ma ngħidux: Isma' kemm jiddi, anqas: Xomm kemm ileqq, jew: Duq kemm jilma, jew: Miss kemm ileħħ, imma dejjem ngħidu: Ara. Ma ngħidux: Ara kemm jiddi, meta nsemmu dak li jaqa' taħt is-sens tal-għajnejn biss, imma ngħidu wkoll: Ara x'ħoss, ara x'riħa, ara x'togħma, ara x'ebusija. Minħabba f'hekk, kif diġà għidt, kull ma nħossu b'xi sens, hu liema hu, ngħidu li ġej mill-ġibda tal-għajnejn, għax ix-xogħol tal-ħars, li hu tal-għajnejn l-iżjed, b'tixbiha ngħidu li hu xogħol tas-sensi l-oħra wkoll meta permezz tagħhom infittxu li nsiru nafu xi ħaġa.

Minn dan nistgħu naraw sewwa jekk is-sensi jkunux jaħdmu għall-pjaċir jew għall-kurżità; għax il-pjaċir ifittex

il-ġmiel u dak li hu ħelu għall-widnejn u għall-imnifsejn, dak li fih togħma tajba u dak li hu ħafif għall-idejn, waqt li l-kurżità tfittex ukoll sensazzjonijiet kuntrarji, xejn xejn biex tara xi jkunu, mhux għax trid li jkollha xi jdejjaqha, iżda minħabba x-xewqa li ssir taf bit-tiġrib tagħha stess. Xi pjaċir nieħdu jekk naraw ġisem mejjet u mbiċċer li jkexkixna nħarsu lejh? Imma fejn ikun hemm wieħed, kulħadd jitlaq jiġri għal ħdejh biex ilkoll isewdu qalbhom u wiċċhom jisfar, bil-biża' li ma jmorrux joħolmu bih, qisu xi ħadd ikun iġagħalhom imorru jarawh waqt li huma mqajmin, jew idaħħlilhom f'rashom li se jsibu xi dehra sabiħa. Hekk jiġri fis-sensi l-oħra, imma niġbdu fit-tul jekk nitkellmu fuqhom kollha. Minn din il-marda tal-kurżità jitnisslu wkoll l-egħmejjel tal-għaġeb li jintwerew fit-teatru, minnha ġej it-tfittix dwar il-fenomeni naturali ogħla minna li ma jiswewlilniex ġid jekk insiru nafuhom u li l-bnedmin ifittxuhom biex isiru jafuhom u xejn iżjed. Mill-istess marda ġej ukoll it-tkixxif li jsir mis-sħaħar bl-istess skop ħażin ta'għerf, kif ukoll minnha ġej li mqar bl-iskuża tar-reliġjon wieħed iġarrab lil Alla billi jitlob minn għandu sinjali u egħġubijiet mhux b'xi ħsieb ta' salvazzjoni, iżda biss għax irid jarahom b'għajnejh.

F'dan il-masġar bla tarf, kollu nases u twegħir, ara, jien qaċċatt u begħidt minn qalbi ħafna ħażen, kif int, Alla tas-salvazzjoni tiegħi, tajtni l-grazzja li nagħmel. Imma kif nissogra ngħid li fost dan il-ħafna tiġrib ta' kull xorta, li kuljum tul ħajjitna jdur madwarna b'agħjat li jtarrax, kif nissogra ngħid li xejn minnu ma jwebbilni biex nedha nħares lejn xi ħaġa b'kurżità żejda? Tassew li issa t-teatru ma għadux jiġbidni, u anqas il-mixi tal-kwiekeb ma għadu jħabbilli rasi; ruħi qatt ma marret tistaqsi lid-dellijiet,

u nobgħod ir-riti sagrilegi. Imma kemm drabi l-għadu bit-tnassis tiegħu għadu jiġi jwebbilni biex nitlob xi sinjal minn għandek, Mulej Alla tiegħi, li jien għandi naqdik bl-umiltà u s-safa tiegħi! Nitolbok, f'ġieh is-Sultan tagħna, f'ġieh Ġerusalem, il-belt safja u nadifa tagħna, nitolbok biex bħalma issa qiegħed inżomm ruħi 'l bogħod mit-tnassis tal-għadu, hekk nibqa' nagħmel dejjem u dejjem iżjed. Iżda meta nitolbok għas-salvazzjoni ta' l-oħrajn, il-ħsieb li jkolli f'moħħi huwa wisq xorta oħra, u int għal li ġej tibqa' tagħtini, kif qiegħed tagħtini llum, li b'qalbi kollha nagħmel ir-rieda tiegħek.

Madankollu min jista' jgħid kemm drabi l-kurżità tagħna tiġġarrab kuljum b'ħafna ntietef ta' xejn, u kemm sikwit naqgħu? Kemm drabi jiġrilna li, biex ma nregħxux liddgħajfin, noqogħdu nisimgħu ħrejjef taċ-ċajt li għall-ewwel qisna nistabru bihom iżda mbagħad qajla qajl nibdew nagħtu widen għalihom bil-qalb! Ma għadnix immur fiċ-ċirku biex nara kelb jiġri wara fenek, imma jekk inkun għaddej mir-raba' u nara l-istess ħaġa fil-kaċċa, għandha mnejn twaqqafli ħsibijiet kbar oħra u ġġagħalni nħares lejha; mhix se ġġagħalni ndawwar iż-żiemel u nieħu triq oħra, imma ddawwarli qalbi lejha; u jekk int ma tfakkarnix minnufih kemm jien dgħajjef u twissini biex inħalli dik id-dehra u nerfa' ħsiebi lejk jew immaqdarha u nibqa' għaddej, jien nibqa' hemm qisni wieħed iblah. U għaliex jiġrili bosta drabi li, waqt li nkun id-dar bilqiegħda, noqgħod inħares lejn wiżgħa taqbad id-dubbien jew brimba tkebbibhom fil-għanqbuta tagħha meta jinqabdu fiha? Huma annimali żgħar, imma mhux l-istess kaċċa jagħmlu? Wara li nkun qgħadt inħares lejhom, jien nibda nfaħħar lilek, ħallieq tal-għaġeb li tqassam kollox bl-ordni, imma

għall-ewwel mhux din tkun il-fehma tiegħi. Li wieħed iqum malajr hija ħaġa, imma li wieħed ma jaqax hija ħaġa oħra. Ħajti mimlija b'waqgħat bħal dawn, u t-tama waħda tiegħi hi tjubitek kbira bla tarf. Meta qalbna ssir kenn mimli b'dawn in-nuqqasijiet u żżomm ġewwa fiha kotra hekk kbira ta' frugħat, sikwit inwaqqfu saħansitra t-talb tagħna u nitħawdu, u waqt li nkunu quddiemek bil-fehma li nwasslu leħen qalbna f'widnejk, ħafna ħsibijiet taċ-ċajt jidħlu f'moħħna ma nafx minn fejn, u jwaqqfulna t-taħriġ hekk kbir tat-talb.

36. Għandna aħna nqisu dawn il-ħsibijiet ukoll bħala ħwejjeġ li jistħoqqilhom it-tmaqdir tagħna? Jista' jkun hemm xi ħaġa li timliena bit-tama jekk mhux it-tjieba magħrufa tiegħek? Għax int ġa bdejt il-bidla tagħna u taf sa fejn wassaltha. Għall-ewwel fejjaqtni mill-ħajra li niġġustifika lili nnifsi, imbagħad ħfirtli dnubieti l-oħra kollha, fejjaqt il-mard kollu tiegħi, fdejt lil ħajti mit-taħsir, ħaddantni bit-tjieba u l-ħniena, u xabbajtni bil-ġid li xtaqt. Bil-biża' tiegħek sħaqt it-tkabbir tiegħi u baxxejtli rasi għall-ħlewwa tal-madmad tiegħek. Issa jien ħadt it-toqol tiegħu fuqi u nħossu ħafif għalija, għax int hekk wegħidt u hekk għamilt. U tassew, dejjem hekk kien, iżda dan ma kontx nafu meta bżajt nerfgħu fuqi.

Iżda, Mulej, li waħdek taħkem bla ma tintefaħ bik innifsek, għax int waħdek tabilħaqq is-Sid u ma għandekx min hu fuqek, tassew li jiena ħlist ukoll minn din it-tielet xorta ta' tigrib li se nsemmi? Jista' xi ħadd jeħles minnu għal kollox f'ħajtu? Jiġifieri, ħlist jien mix-xewqa li l-bnedmin jibżgħu minni u jħobbuni mhux għal ħaġ'oħra ħlief biex jiena nieħu gost, li ma hu gost xejn? X'ħajja

din, jaħasra! Xi ftaħir ta' min imaqdru! Hu dan l-iżjed li jbiegħed lill-bnedmin minn imħabbtek u mill-biża' nadif tiegħek, u għalhekk inti tieqaf lill-kburin u tagħti l-grazzja lill-umli. Inti ssemma' r-ragħad tiegħek fuq ix-xewqat żejda tad-dinja mkabbra sa ma jitriegħdu s-sisien tal-muntanji. Iżda billi l-istess għaqda ta' bejnietna l-bnedmin titlob li ninħabbu u nibżgħu għal xulxin, il-għadu tal-hena tassew tagħna jinqeda b'dan u jiġi jifrex madwarna x-xbiek tiegħu waqt li jgħidilna, "Sewwa! Sewwa!". Aħna nieħdu pjaċir wisq u ninqabdu fix-xibka tiegħu bla ma nintebhu; inbiegħdu l-ferħ tagħna mill-verità tiegħek u nqegħduh fil-qerq tal-bnedmin li jagħtuna gost xħin narawhom iħobbuna u jibżgħu minna, mhux minħabba fik, iżda minflokok. B'hekk il-għadu jagħmilna nixbhuh u jżommna miegħu, mhux biex insiru qalb waħda fl-imħabba, iżda biex iseħibna miegħu fil-kastig. Huwa ried iqiegħed it-tron tiegħu fit-tramuntana u sar xbieha mħassra u mgħawġa tiegħek, biex il-bnedmin jaqduh fid-dlam u l-ksieħ. Iżda aħna, Mulej, ara, aħna l-merħla ċkejkna tiegħek: żommna miegħek u ifrex ġwenħajk fuqna biex nistkennu taħthom. Kun int il-glorja tagħna; irridu ninħabbu minħabba fik, u ħa jibżgħu l-bnedmin mill-kelma tiegħek li jisimgħu minn fommna. Min irid li l-bnedmin ifaħħruh, inti tmaqdru u ma jkollux min jaqbeż għalih meta ssejjaħlu għall-ħaqq, u ħadd ma jeħilsu mill-kundanna tiegħek. Iżda ġie li l-bnedmin ifaħħru 'l xi ħadd mhux bħala midneb li jiftaħar bix-xewqat ħżiena tiegħu, anqas ma jberkuh għax ikun għamel il-ħażen, iżda jfaħħruh minħabba f'xi don li int tagħtih; jekk dan jifraħ bit-tifħir iżjed milli bid-don li rċieva u li minħabba fih ikun imfaħħar, hu wkoll jikseb it-tifħir tal-bnedmin u t-tmaqdir tiegħek, u jekk hu jikseb

it-tifħir, min ifaħħru jkun aħjar minnu, għax dan jogħġbu d-don li Alla jagħti lill-bniedem, waqt li l-ieħor iżjed jogħġbu d-don tal-bnedmin milli d-don ta' Alla.

37. Dan hu t-tiġrib tagħna ta' kuljum, Mulej, tiġrib li ma jagħtiniex mistrieħ. Ilsien il-bniedem hu l-forn tagħna kuljum. Inti tridna nżommu l-qjies fi lsienna wkoll: agħtina li nagħmlu li tordnalna, u ordnalna li trid. Inti taf kemm titniehed qalbi fuq dan, kemm xmajjar ta' dmugħ ixerrdu għajnejja. Mhux ħaġa ħafifa li nifhem kemm tfejjaqt minn dan il-mard, u nibża' ħafna minn dak li ma nafx bih; għajnejk jafu bih, imma għajnejja le. F'tiġrib ieħor iseħħli nistħarreġ kemmxejn lili nnifsi, imma fit-tiġrib ta' l-ilsien ma jseħħli kważi qatt. Dwar ix-xewqat tal-ġisem u l-kurżità żejda, meta niċċaħħad minnhom minn rajja jew ma nħosshom xejn, nista' nara sa fejn wasalt fil-ħila li nrażżan lil ruħi, għax nistaqsi lili nnifsi kemm ftit jew kemm wisq niddejjaq meta niċċaħħad minnhom. U l-istess dwar il-għana, li nfittxuh sewwa sew bħala mezz biex nissodisfaw waħda jew tnejn minn dawn it-tliet ġibdiet jekk mhux it-tlieta f'daqqa[9]: jekk ir-ruħ, meta jkollha l-għana, ma tkunx taf tgħid jekk hijiex tmaqdru jew le, tista' dejjem tiċċaħħad minnu biex tipprova lilha nfisha. Imma dwar it-tifħir, jekk niċċaħħdu minnu biex naraw sa fejn tasal il-ħila tagħna, jenħtieġ forsi ngħixu ħajja ħażina u nintelqu qisna slavaġ hekk li ħadd ma jkun jafna bla ma jmaqdarna? Jista' wieħed isemmi jew jaħseb ġenn akbar minn dan? Iżda jekk aħna s-soltu norbtu t-tifħir ma' ħajja xierqa u egħmejjel tajba, kif jaħtiġilna nagħmlu, ma jkunx sewwa jekk l-istess rabta u ħajja xierqa nwarrbuhom fil-ġenb. Għad li dan, biex inkun naf jekk iċ-ċaħda minn xi ġid

hijiex ħaġa ħafifa jew tqila għalija, jeħtieġ li nkun nieqes minn dan il-ġid.

Mela x'nista' nistqarr quddiemek, Mulej, dwar din ix-xorta ta' tiġrib? X'nista' nistqarr ħlief li t-tifħir jogħġobni? Imma l-verità togħġobni iżjed mit-tifħir. Jekk xi ħadd jistaqsini x'nagħżel bejn li kulħadd ifaħħarni għax nitbellah u naqa' f'kull xorta ta' żbalji, u bejn li kulħadd imaqdarni għax nibqa' nżomm sħiħ u żgur fil-verità, jiena naf x'nagħżel. B'danakollu ma nixtieqx li l-ferħ tal-ġid joktorli għax insib min ifaħħarni, imma jkolli nistqarr li t-tifħir iżidli l-ferħ tiegħi, bħalma t-tmaqdir inaqqashuli. Meta nħossni mħawwad b'din il-miżerja tiegħi, f'moħħi tinbitli skuża li int, o Alla, taf kemm tiswa, għax jien miniex ċert minnha. Inti ridtna nżommu mhux biss il-qjies, jiġifieri nrażżnu l-imħabba tagħna għal xi ħwejjeġ, imma nżommu wkoll il-ġustizzja, jiġifieri nxerrdu mħabbitna fuq xi ħwejjeġ oħra. Anqas ma ridtna nħobbu lilek biss, imma lill-proxxmu tagħna wkoll. Minħabba f'hekk sikwit jidhirli li l-progress u t-tamiet sbieħ tal-proxxmu jferrħuni meta nieħu gost infaħħar ħaġa li nifhem fiha tassew; min-naħa l-oħra nsewwed qalbi għall-ħsara li l-proxxmu jagħmel meta nisimgħu jmaqdar ħaġa tajba jew li ma jifhimx fiha. U ġie li nsewwed qalbi wkoll meta jfaħħruni għal xi ħaġa li anqas lili stess ma togħġob, jew meta jfaħħruni għal xi ħwejjeġ tajba żgħar u li ftit jiswew li aħna nagħtuhom siwi aktar milli jistħoqqilhom. Kif nista' nkun naf il-għala dan is-sentiment jitnissel fija? Forsi għax ma rridx li t-tifħir jiġini minn min ma jkunx jafni bħal ma jien naf lili nnifsi? Imma f'dan il-każ ukoll niddejjaq għax inkun infittex mhux il-ġid tiegħu, iżda l-ġid li jkun fija u jogħġobni, u jferraħni iżjed jekk ikun jogħġob lill-oħrajn

ukoll. B'xi mod it-tifħir ma jkunx jingħata lili meta jiġini minn min ma jqisnix bl-istess mod li jiena nqis lili nnifsi, kif jiġri meta wieħed ifaħħar fija dak li anqas lili ma jogħġob, jew dak li, inqas ma jkun jogħġobni, iktar insib min ifaħħarhuli. Hu forsi fuq dan li miniex ċert?

Imma ara, int, li int il-verità, turini li bit-tifħir li jingħatali jmissni nfittex il-ġid ta' għajri u mhux tiegħi nnifsi. Jiena ma nafx jekk nagħmilx hekk, għax fuq dan naf lili nnifsi wisq inqas milli naf lilek. Nitolbok, Alla tiegħi, agħmel li nagħraf lili nnifsi, biex quddiem ħuti nistqarr il-ġrieħi li nara fija ħalli jitolbu għalija. Għal darb'oħra nistaqsi lili nnifsi iżjed bir-reqqa: jekk it-tifħir mogħti lili jqanqalni għall-ġid tal-proxxmu, il-għala t-tmaqdir inġust mogħti lil ħaddieħor iqanqalni inqas milli meta jingħata lili? Il-għala ninqaras iżjed meta jgħajru lili milli meta jgħajru 'l ħaddieħor jekk il-ħażen li jkolli quddiemi jkun l-istess? Anqas dan ma naf? Fadalx ukoll li qiegħed inqarraq bija nnifsi u li b'qalbi u lsieni miniex nagħmel il-verità quddiemek? Mulej, biegħed minni din il-bluha biex fommi ma jkunx għalija ż-żejt li l-midneb jidlikli rasi bih.

38. Jiena msejken u fqajjar; inħossni aħjar meta ma nogħġobx lili nnifsi u bit-tnehid ta' qalbi nfittex it-tjieba tiegħek, sa ma n-nuqqas tiegħi jissewwa u nasal għal kollox f'dak is-sliem li l-imkabbrin ma jseħħilhomx jarawh b'għajnejhom. Il-kliem li joħroġ mill-fomm u l-egħmejjel li jidhru quddiem il-bniedem fihom tiġrib u twegħir kbir meta jsiru għall-imħabba tat-tifħir; għax it-tifħir iġagħalna nfittxu li l-oħrajn ikollhom fehma tajba fuqna ħalli b'hekk nuru kemm aħna aqwa minnhom. It-tifħir iġarrabni saħansitra meta ma naqbilx miegħu, u sewwa sew

għax ma naqbilx miegħu. Sikwit jiġri li nuru kemm aħna iżjed fiergħa meta niftaħru bina nfusna talli mmaqdru t-tifħir fieragħ, u għalhekk ma jkollniex biex niftaħru jekk immaqdru din ix-xorta ta' tifħir, għax mhux tassew li nkunu mmaqdruh meta fl-istess ħin inkun niftaħru bina nfusna.

39. Ġewwa fina wkoll, ġewwa fina hemm ħażen ieħor li ġej mill-istess tiġrib, pezza waħda. Huwa l-ħażen ta' dawk il-fiergħa li jitpaxxew bihom infushom, anki jekk ma jogħġbux lill-oħrajn u jdejqu 'l kulħadd bla ma jfittxu li jsiru jingħoġbu. Jogħġbu lilhom infushom imma wisq iżjed ma jogħġbux lilek, għax igħoddu b'ġid dak li mhuwiex, kif ukoll għax il-ġid tiegħek igħodduh b'tagħhom; u jekk ikunu jafuh lilek, iqisuh bħala mertu tagħhom; iżda wkoll jekk jagħarfuh bħala grazzja tiegħek waħdek, ma jaqsmux ma' l-oħrajn fil-ferħ tagħhom, anzi jgħiru għall-grazzji li int tagħti lill-oħrajn. Fost dan it-tiġrib kollu u taħbit ieħor bħalu, ara kif qalbi titriegħed. Naħseb li iktar jiġri li int tfejjaqni mill-ġrieħi tiegħi milli jien ma jkolli xejn minnhom.

40. O Verità, meta kien li ma mxejtx miegħi, tgħallimni x'għandi naħrab u x'għandi nfittex, waqt li nurik kif nista' l-fehmiet fqajra tiegħi u nitlob il-pariri tiegħek? Mill-aħjar li stajt ġrejt ġirja bis-sensi tiegħi fuq id-dinja ta' madwari, u dawwart ħarsti lejn din il-ħajja li ġismi għandu permezz tiegħi u lejn l-istess sensi tiegħi[10]. Wara dan dħalt fejn tinsab imrekkna l-memorja tiegħi, bil-ħafna wesgħat tagħha mimlijin b'mod tal-għaġeb b'kotra liema bħalha ta' ġid. Ħarist lejn dan kollu u bżajt. Ma stajt

nagħraf xejn minn dawn il-ħwejjeġ mingħajrek, u sibt li xejn minnhom ma hu l-verità, kif anqas jiena stess, li sibt dan, ma jiena l-verità. Flejt dawn il-ħwejjeġ kollha, għażilthom minn xulxin, u fittixt li nqishom kull waħda skond is-siwi tagħha. Xi wħud minnhom twasslu quddiemi bis-saħħa tas-sensi, u jien għamiltilhom il-mistoqsijiet tiegħi; oħrajn ħassejthom fija għax huma magħquda ħaġa waħda miegħi. Stħarriġt ukoll l-istess mezzi li wassluhomli quddiemi u fissirthom wieħed wieħed. Fit-teżori kbar tal-memorja sibt ukoll ħwejjeġ oħra: fuq xi wħud minnhom tkellimt fit-tul, oħrajn ħallejthom imrekkna, waqt li ħriġt oħrajn għad-dawl. Anqas jiena nnifsi, waqt li kont nagħmel dan kollu, ma kont il-verità, jew aħjar, anqas l-istess ħila tiegħi, li għenitni nagħmel dan kollu, ma kienet int, għax inti d-dawl li jibqa', dak id-dawl li lilu staqsejt dwar dawn il-ħwejjeġ kollha jekk jeżistux, xinhuma u x'jiswew, id-dawl li smajtu jgħallimni u jwissini. Dan għadni nagħmlu sikwit, għax f'hekk insib il-hena tiegħi, u kull meta nista' nsib ftit mistrieħ fost id-dmirijiet tiegħi, din hija l-għaxqa li nfittex. Imma fost il-ħwejjeġ kollha li nistħarreġ u nistaqsik fuqhom ma nsibx fejn ruħi tista' toqgħod bla biża' ta' xejn jekk mhux fik. Fik biss jinġabar it-tixrid tiegħi, u xejn minni ma jinfired minnek. Int xi drabi ddaħħalni ġewwa fija f'sentiment li xejn ma hu tas-soltu, fi stat ta' ħlewwa li ma nafx infissirha; jekk dan l-istat jilħaq il-perfezzjoni tiegħu, ikun xi ħaġa li ma nafx xinhi, imma ma jkunx din il-ħajja. Imbagħad nerġa' naqa' taħt it-toqol tat-taħbit, u d-dmirijiet ta' kuljum jerġgħu jixorbuni u jżommuni. Għalxejn nibki ħafna, għax jibqgħu jżommuni ħafna; daqshekk hi tqila t-tagħbija tad-drawwa! Fi stat wieħed nista' noqgħod iżda ma rridx, u fl-istat l-ieħor

irrid noqgħod iżda ma nistax; u hekk inħossni msejken fiż-żewġ stati.

41. Għalhekk qgħadt naħseb fuq il-mard ta' dnubieti li nagħmel skond it-tliet suriet tal-ġibda ħażina[11], u sejjaħt il-leminija tiegħek biex tiġi ssalvani. B'qalbi maqsuma ħarist lejn id-dija tiegħek li laqtitli għajnejja, u għidt: Min jista' jasal sa ħdejha? Jien ninsab maqtugħ minn taħt għajnejk. Int il-Verità li hi fuq kollox. Jien fir-regħba tiegħi ma ridtx nitilfek, imma ridt li flimkien miegħek ikolli l-gideb ukoll, l-istess kif ħadd ma jrid il-gideb tant li anqas hu stess ma jkun jaf xinhu l-veru. U għalhekk tliftek, għax int ma jixraqlekx li wieħed ikollu lilek flimkien mal-gideb.

42. Lil min stajt insib biex jerġa' jħabbibni miegħek? Kelli nitlob lill-anġli? Imma kif nitlobhom? B'liema ċerimonji? Smajt dwar ħafna li għamlu ħilithom kollha biex jerġgħu lura għandek bla ma seħħilhom, għax afdaw fihom infushom biss. Għalhekk daru għal dawn iċ-ċerimonji u ġġarrfu fix-xewqat ta' ħafna dehriet strambi; u tqarrqu kif kien ħaqqhom. Tgħollew u fittxewk bit-tkabbir ta' għerfhom; minflok ma taw fuq sidirhom neffħuh 'il barra. F'qalbhom jixbhu lis-setgħat ta' l-ajru, u huma sejħulhom magħhom bħala sħab u ixirka tagħhom fis-suppervja, u ntelqu għall-qerq tal-ħila saħħarija tagħhom. Fittxew il-medjatur li seta' jsaffihom u ma sabuhx, imma sabu lix-xitan li tbiddel f'anġlu tad-dawl. Hu ma għandux ġisem tal-laħam u d-demm, u din kienet nassa qawwija għall-ġisem supperv tagħhom. Huma, midinbin li jmutu, fittxew il-ħbiberija tiegħek bis-suppervja tagħhom; imma int,

Mulej, la inti midneb u lanqas tmut. Iżda kien jenħtieġ li l-medjatur bejn Alla u l-bniedem ikun jixbah f'xi ħaġa lil Alla u f'xi ħaġa oħra lill-bnedmin; għax jekk jixbah f'kollox lill-bnedmin, ikun 'il bogħod minn Alla, u jekk jixbah f'kollox lil Alla, ikun 'il bogħod mill-bnedmin, u għalhekk ma kienx ikun medjatur. Skond il-ġudizzji moħbija tiegħek, is-suppervja stħaqqilha tkun imqarrqa minn dak il-medjatur taparsi, li għandu xi ħaġa li l-bnedmin ukoll għandhom, jiġifieri d-dnub; imma hu ried jidher li għandu wkoll ħaġa oħra li Alla għandu, għax billi mhuwiex liebes ġisem li jmut, jagħmel ta' birruħu li anqas hu ma jmut. Iżda l-ħlas tad-dnub hu l-mewt, u għalhekk huwa għandu flimkien mal-bnedmin dak li jikkundannah għall-mewt magħhom.

43. Il-medjatur veru, dak li fit-tjieba misterjuża tiegħek urejtu lill-bnedmin u bgħattu fosthom biex bl-eżempju tiegħu jitgħallmu jkunu umli bħalu, dak il-medjatur bejn Alla u l-bnedmin, il-bniedem Kristu Ġesù, deher fost il-midinbin li jmutu bħala l-ġust li ma jmutx, imut bħall-bnedmin u ġust bħal Alla, biex ladarba l-ħlas tal-ġustizzja hu l-ħajja u s-sliem, huwa jiġġustifika lill-ħżiena bil-ġustizzja li għandu bħal Alla, u jeqred il-mewt tagħhom bil-mewt li fiha ried jissieħeb magħhom. Huwa kien irrivelat lill-qaddisin ta' l-imgħoddi, biex isalvaw bis-saħħa tal-fidi tagħhom fil-passjoni li kien għad irid jieħu, kif aħna salvajna bis-saħħa tal-fidi tagħna fil-passjoni li ħa. Daqskemm hu bniedem, daqshekk ieħor hu medjatur; imma bħala l-Verb huwa mhuwiex fin-nofs, għax hu daqs Alla, Alla ma' Alla, Alla wieħed flimkien miegħu.

Kemm ħabbejtna, Missier twajjeb, int li anqas lil Ibnek il-waħdieni stess ma ħfirtha, imma tajtu f'idejn il-ħżiena għalina! Kemm ħabbejtna! Minħabba fina hu ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqsek, imma tjassar sal-mewt tas-salib, hu li waħdu baqa' ħieles fost il-mejtin, hu li kellu s-setgħa jagħti ħajtu u s-setgħa li jerġa' jeħodha. Quddiemek hu r-rebbieħ u l-vittma għalina, għax għalhekk hu rebbieħ, għax hu vittma. Quddiemek huwa għalina l-qassis u s-sagrifiċċju, għax għalhekk hu l-qassis, għax hu s-sagrifiċċju. Minn ilsiera għamilna wliedek, għax hu twieled minnek u sar l-ilsir tagħna! Għandi raġun inkun sħiħ fit-tama li għandi fih, għax bih inti tfejjaq il-mard tiegħi kollu, bih li jinsab fuq il-lemin tiegħek u jidħol għalina quddiemek. Mingħajru nitlef kull tama. Kotran u qawwi hu l-mard tiegħi, kotran u qawwi; iżda d-duwa tiegħek hi aqwa. Li kieku l-Verb tiegħek ma sarx bniedem u għammar fostna, konna ngħidu li hu mbiegħed wisq mill-għaqda magħna l-bnedmin, u għalhekk konna naqtgħu jiesna għal kollox.

Dnubieti u t-toqol tal-miżerja tiegħi beżżgħuni, u qanqalt f'qalbi l-ħsieb li naħrab u mmur ngħix ħajja ta' waħdi. Imma int żammejtni u farraġtni, u għidtli li Kristu miet għal kulħadd, biex dawk li jgħixu ma jgħixux għalihom infushom, imma għal dak li miet għalihom. Ara, Mulej: jiena nħalli xortija f'idejk, biex nibqa' ngħix u naħseb fuq l-egħġubijiet tal-liġi tiegħek. Int taf kemm ma ninqala' għal xejn u kemm jien bla saħħa: għallimni u fejjaqni. Aħna nfdejna bid-demm tal-Waħdieni tiegħek, li fih hemm moħbija t-teżori kollha tal-għerf u x-xjenza. Tħallix li l-kburin igħakksuni, għax jien noqgħod naħseb fil-prezz tal-fidwa tagħna, u nieklu u nixorbu u nqassmu lill-oħrajn.

Jiena l-fqajjar nixtieq nixba' bih fost dawk li jikluh u jixbgħu. Ħa jfaħħru l-Mulej dawk li jfittxuh[12].

---

[1]Kliem bħal dan ta lil min jaħseb li l-ewwel disa' kotba ta' l-Istqarrijiet kienu ġa ippublikati qabel ma S. Wistin żied il-kotba l-oħra.

[2]Filosofu minn Miletu, li għex fis-seklu 6 qabel Kristu; fost ħwejjeġ oħra huwa għallem li l-ajru huwa l-ewwel kawża tal-ħolqien.

[3]Dawn il-kelmiet bil-Latin, kif jinsabu fil-kontest tagħhom, diffiċli ħafna biex jinqalbu fi lsien ieħor. Mill-kelma *ago*, hawnhekk inħarrek jew inċaqlaq jew inqanqal, toħroġ il-kelma b'tifsira intensiva *cogo (com-ago)*, inħarrek aktar bil-qawwi; anki bil-Malti ġie li ngħidu li wieħed ikun *aġitat*, imqanqal ħafna. Terġa' minn *cogo* ħarġet il-kelma *cogito (com-agito)*, jew inqanqal sewwa l-ideat u niġborhom flimkien f'moħħi, jiġifieri naħseb. Mill-kelma *facio*, nagħmel, ħarġet l-oħra b'tifsira intensiva *facito*, nagħmel u ntenni l-egħmil bosta drabi.

[4]Aħna aktarx ngħidu: Qis li żżomm f'moħħok; jew: Ma żammx f'moħħu, ħarġilu minn moħħu. Ngħidu wkoll li wieħed ma għandux moħħ, jew moħħu jilħaqlu. F'dawn l-idjomi tagħna l-kelma *moħħ* ma neħduhiex fis-sens litterali tagħha, imma nagħtuha tifsira mxebbha meta b'moħħ nifhmu d-dehen, il-għaqal, l-intellett; u hekk il-moħħ hu setgħa ta' l-ispirtu, mela hu stess huwa spirtu. Iżda kieku hawnhekk inqdejna bil-kelma idjomatika moħħ, jista' jkun li r-rabta bejn il-moħħ u l-ispirtu ma kinetx tinħass minnufih.

[5]S. Wistin hawnhekk qiegħed jiċċita 1 Kor 8, 8 skond it-test Latin li kellu f'idejh; imma t-test Grieg igħid, "L-ikel ma jressaqniex lejn Alla. La se nnaqqsu jekk nieklu, u lanqas se nżidu jekk ma niklux". Fi kliem ieħor, l-ikel ma jnaqqsilniex fil-mixja tagħna lejn Alla, kif in-nuqqas ta' l-ikel jew is-sawm ma jressaqniex iżjed lejh.

[6]Dan, jiġifieri l-Appostlu S. Pawl; il-kelmiet li S. Wistin għadu kemm semma ħadhom mill-ittra lill-Filippin, 8, 11–13.

[7]Il-fidili huma t-tempju ta' Alla, kif isejħilhom S. Pawl, 1 Kor 3, 16–17.

[8]Jista' jkun li hawnhekk S. Wistin kellu quddiem għajnejh xi innijiet minn dawk li S. Ambroġ kiteb b'tifħir lil Alla li hu d-Dawl.

[9]Ifhem: il-ġibdiet ta' l-ilsien, tal-ġisem u tal-kużità.

[10]Hawnhekk S. Wistin qiegħed isemmi u jiġbor fil-qosor dak li ġa fisser fit-tul f'din l-istess taqsima tal-ktieb.

[11]Ara n-nota 9.

[12]L-awturi ma jaqblux bejniethom dwar it-taqsima ta' *L-Istqarrijiet.* Xi wħud igħidu li l-ewwel taqsima tiġbor fiha l-ewwel għaxar kotba li fihom S. Wistin iniżżel it-tifkiriet ta' ħajtu; fit-taqsima l-oħra hemm l-aħħar tliet kotba, li fil-biċċa l-kbira jfissru xi siltiet mill-Iskrittura. S. Wistin stess fi ktieb ieħor tiegħu jgħid li l-ewwel għaxar kotba kitibhom fuqu nnifsu u l-aħħar tlieta fuq l-Iskrittura mqaddsa (*Retract.* 2, 6, 1). Oħrajn igħidu li l-ewwel taqsima fiha l-ewwel disa' kotba, għax fihom l-awtur jikteb fuq l-imgħoddi tiegħu, fil-waqt li l-aħħar erbgħa jagħmlu taqsima għalihom, għax fihom S. Wistin jitkellem fuq il-preżent tiegħu. Hemm ukoll oħrajn li jgħidu li l-X Ktieb inkiteb l-aħħar wieħed, meta l-Kotba I–IX u XI–XIII kienu diġà ippublikati, imbagħad aktar tard daħal u tqiegħed fejn jinsab illum. Hu xinhu, S. Wistin stess igħid fin-n. 3 ta' dan il-X Ktieb: "Il-frott ta' l-istqarrijiet tiegħi ta' l-imgħoddi tiegħi ġa rajtu u semmejtu. Iżda hemm ħafna li jixtiequ jafu x'jien illum, fiż-żmien li qiegħed nikteb dawn l-istqarrijiet" (ara n-nota 1 aktar 'il fuq).